**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. Prim Imħallef Dr Joseph Azzopardi LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Jannar 2019**

**Att ta' l-Akkuza numru 8/2014**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Nizar I. Mustafa Al Gadi**

**Il-Qorti** :

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-20 ta' Gunju 2014 kontra Nizar I. Mustafa Al Gadi li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali ppremetta :

> Fl-**Ewwel Kap** illi l-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi kien miżżewweġ lill-Avukata Dr. Margaret Mifsud LL.D., minn liema żwieġ kellhom żewġt itfal bniet. Ftit wara t-twelid tat-tieni wild, Nizar I. Mustafa Al-Gadi abbanduna lil martu u wliedu, u sussegwentement iż-żwieġ bejn l-akkużat u d-Dottoressa Mifsud ġie dikjarat null. Wara xi żmien, iżda, l-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi reġa' tfaċċa u ppretenda li jerġa' jkompli bir-relazzjoni tiegħu, fosthom relazzjoni sesswali, ma' Margaret Mifsud – xi ħaġa li Mifsud irreżistiet. Għalkemm għall-ġid ta' wliedhom hija baqgħet tkellem u tikkomunika ma' l-akkużat, hija minn dejjem għamlithielu ċara li ma kenitx disposta taċċettah lura bħala żewġha. L-akkużat Nizar I Mustafa Al-Gadi, iżda, ma riedx jaċċetta dan il-fatt u għalhekk beda jippersegwita lil Mifsud billi jsegwi l-passi tagħha, jċemplilha f'kull ħin tal-ġurnata, u saħansitra jisforza ruħu u jidħol fil-karozza tagħha kontra r-rieda tagħha, u dan bit-tama li hija ċċedi u taċċettah lura. Meta ra li Mifsud ma kenitx ser iċċedi, l-akkużat Nizar I Mustafa Al-Gadi, sabiex aktar ibeżżagħha u jintimidaha saħansitra ftaħar magħha li huwa kien jaf kif joqtol persuna mingħajr ma jħalli ebda traċċa.
>
> Illi fil-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' April tas-sena Elfejn u Tnax (2012), l-akkużat Nizar I Mustafa Al-Gadi mill-kliem u l-intimidazzjoni għadda għall-fatti. Huwa kien daħħalha f'moħħu li Margaret Mifsud kellha tpattiha qares talli kienet irrifjutatu, u għalhekk fassal pjan tal-biża' biex joqtol lil Margaret Mifsud jew ipoġġilha ħajjitha f'perikolu ċar. La ma kenitx ser terġa' tkun 'tiegħu', allura ma tkun ta' ħadd. Għalhekk, huwa ħa ħsieb jikri karozza proprju għal dik il-lejla sabiex iwettaq il-pjan orrend tiegħu, u beda jsegwi lil Mifsud bil-karozza.
>
> Illi intant, l-Avukata Mifsud kienet mistiedna biex nhar it-Tmintax (18) ta' April tas-sena Elfejn u Tnax (2012) tattendi farewell dinner ta' kollega tagħha ġewwa l-Fortress Restaurant, ix-Xemxija. Hija telqet mid-dar tagħha f'Birkirkara f'xi t-tmienja u għaxra ta' filgħaxija (8:10pm), għaddiet tiġbor ħabiba tagħha – ċerta Astrid Bonnici – minn Buġibba, u, flimkien ma' din Astrid saqet lejn ix-Xemxija fejn attendiet għal din l-ikla. L-ikla spiċċat f'xi l-ħdax u kwart ta' filgħaxija (11:15pm), u Margaret Mifsud wasslet lil Astrid Bonnici lura Buġibba f'xi l-ħdax u nofs ta' filgħaxija (11:30pm) u kienet ser tibqa' sejra tinġabar lejn id-dar. Iżda l-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi kellu pjanijiet oħra għaliha, u l-Avukata Margaret Mifsud baqgħet qatt ma rritornat id-dar.

Illi mingħajr ma Margaret Mifsud kienet taf, f'dik il-lejla tal-biża' l-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi kien qiegħed isegwi l-passi kollha tagħha, u segwiha bil-karozza li huwa kera minn Birkirkara sa Buġibba sax-Xemxija sa lura Buġibba wara l-ikla. Wara li Margaret Mifsud wasslet lil Astrid Bonnici Buġibba, l-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi, fis-satra tal-lejl, daħal fil-karozza ta' Margaret Mifsud u ġegħlha ssuq lejn il-post imwarrab magħruf bħala Tal-Qrejten, ħdejn it-Torri ta' l-Għallies, limiti ta' Baħar iċ-Ċagħaq, preżumibbilment b'Margaret Mifsud tkun taħt l-impressjoni ferm żbaljata li huwa ried ikellimha jew ikollu x'jaqsam sesswalment magħha, occorrendo bil-forza. Fiċ-ċirkostanzi Margaret Mifsud ħasbet li jkun aħjar jekk tagħmel kif kien qed jgħidilha l-akkużat u tara xi jrid, forsi l-kwistjoni ta' bejniethom jaqtgħuha darba għal dejjem. Din, iżda, kellha tkun l-aħħar deċiżjoni li qatt ħadet Margaret Mifsud.

Illi meta waslu fil-post imwarrab magħruf bħala Tal-Qrejten, ħdejn it-Torri ta' l-Għallies, limiti ta' Baħar iċ-Ċagħaq, f'dak il-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' April tas-sena Elfejn u Tnax (2012), l-akkużat Nizar I. Mustafa Al Gadi tela' fuq l-Avukat Margaret Mifsud waqt li din kienet mimduda fuq is-seat tax-xufier tal-vettura tagħha, u, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lill-istess Margaret Mifsud jew ipoġġilha ħajjitha f'perikolu ċar, applika pressjoni qawwija fuq sidirha biex il-pulmun ma jkunx jista' jespandi u jimtela' bl-arja u Mifsud tmut fgata. L-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi baqa' japplika din il-pressjoni sakemm l-Avukata Margaret Mifsud mietet din il-mewta daqstant krudili. Meta aċċerta ruħu li Mifsud kienet mietet u li hu kien irnexxa fil-pjan tiegħu, l-akkużat Nizar I Mustafa Al-Gadi ċaqlaq il-ġisem bla ħajja ta' Mifsud u għolla s-seat tax-xufier li kienet fuqu lura għad-driving position, biex b'hekk l-Avukat Margaret Mifsud tiġi tidher li mietet mewta naturali fil-karozza tagħha.

Illi l-ġisem bla ħajja ta' l-Avukat Margaret Mifsud instab mill-Pulizija kmieni wara Nofsinhar nhar id-Dsatax (19) ta' April tas-sena Elfejn u Tnax (2012) waqt tfittxijiet li kienu qegħdin isiru għaliha mill-Pulizija wara li ommha kmieni filgħodu rrappurtat lill-Pulizija li Margaret ma kenitx irritornat id-dar.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Frar 2009, per Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Michael Mallia LL.D., l-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi kien instab ħati ta' diversi delitti.

Illi inoltre, l-akkużat Nizar I. Mustafa Al Gadi kkommetta l-omiċidju volontarju msemmi f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża waqt il-perjodu operattiv (ta' erbgħa snin) ta' sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Frar 2009, per Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Michael Mallia LL.D.

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat Nizar I Mustafa Al-Gadi sar ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli fil-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' April tas-sena Elfejn u Tnax (2012), fil-post magħruf bħala Tal-Qrejten, ħdejn it-Torri ta' l-Għallies, limiti ta' Baħar iċ-Ċagħaq, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lill-Avukata Dr. Margaret Mifsud jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv, kif ukoll illi kkommetta dan l-omiċidju volontarju matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmi Nizar I. Mustafa Al Gadi, reċidiv f'delitt, ħati ta' omiċidju volontarju, u cioe' talli fil-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' April tas-sena Elfejn u Tnax (2012), fil-post magħruf bħala Tal-Qrejten, ħdejn it-Torri ta' l-Għallies, limiti ta' Baħar iċ-Ċagħaq, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (l-Avukata Dr. Margaret Mifsud) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

U billi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Frar 2009, per Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Michael Mallia LL.D., l-akkużat Nizar I. Mustafa Al-Gadi kien instab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

U billi permezz tas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Frar 2009, per Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Michael Mallia LL.D., l-akkużat Nizar I. Mustafa Al Gadi kien ġie kkundannat sentenza ta' sentejn (2) priġunerija sospiżi għal erbgħa (4) snin, l-Avukat Ġenerali akkuża lill-akkużat Nizar I. Mustafa Al Gadi ħati li kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Nizar I Mustafa Al-Gadi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 28B, 31, 49, 50, 211(1), 211(2), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**2**. Rat s-sentenza li tat il-Qorti Kriminali fis-6 ta' Novembru 2015 fejn, wara li rat il-verdett tal-gurati ta' dakinhar stess li bih bi tmien ( 8 ) voti favur u vot ( 1 ) kontra sabu lil Nizar I. Mustafa Al Gadi ħati skont l-Ewwel

u Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza, iddikjarat lill-imsemmi Al Gadi ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli fil-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' April tas-sena Elfejn u Tnax (2012), fil-post magħruf bħala Tal-Qrejten, ħdejn it-Torri ta' l-Għallies, limiti ta' Baħar iċ-Ċagħaq, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lill-Avukat Dr. Margaret Mifsud jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv, kif ukoll illi kkommetta dan l-omiċidju volontarju matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża.

**3**. Wara li rat l-artikoli 9(1)(2)(3)(5)(6), 17(a), 23, 49, 50, 211(1)(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti Kriminali kkundannat lil Nizar I. Mustafa Al Gadi għal piena ta' priġunerija għal għomru flimkien ma' ħames perjodi ta' reklużjoni. Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati jħallas l-ammont ta' sbatax-il elf, sitt mija u sittin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€17,660.44) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess. Ordnat illi jekk l-ispejjeż ma jitħallsux immedjatament, dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija skont tal-liġi. Finalment ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha eżebiti propjeta' tal-ħati.

**4**. Rat ir-rikors ta' l-appell li pprezenta l-akkuzat Nizar I. Mustafa Al Gadi fit-23 ta' Novembru 2015 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk indikati talab lil din il-Qorti :

> "(i) tħassar u tirrevoka kull dikjarazzjoni ta' htija u s-sentenza fuq imsemmija tas-6 ta' Novembru 2015 u minflok tordna li jigu rregistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni u dan ai termini tal-artikolu 501(2) tal-Kodici Kriminali (Kap.9. tal-Ligijiet ta' Malta).
>
> (ii) f'kaz li tigi milqugha l-appell kontra kull dikjarazzjoni ta' htija minhabba 'l fuq imsemmi aggravju ta' influwenza indebita izda lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ikun jidhirilha li m'ghandhiex tordna li jigu irregistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni u f'kull każ jidher lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li l-interessi tal-Ġustizzja hekk jinħtieġu, tiddisponi minn dan l-appell billi tordna li l-

appellant jerġa jiġi proċessat, u dana ai termini tal-artikolu 508(1) tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(iii) F'każ li l-ebda waħda mit-talbiet fuq indikati ma tiġi milqugħa, u jekk lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li l-Ġuri seta' fuq l-imsemmi att ta' akkuża numru 8/2014 isib lill-esponent ħati ta' Omiċidju Involontarju, u fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-ġuri jidher lill-Qorti tal-Appell Kriminali illi l-ġuri kien effettivament sodisfatt dwar il-fatti li kienu jippruvawħ ħati tal-imsemmi reat ta' Omiċidju involontarju, minflok ma' tilqa' jew tiċħad l-appell tissostitwixxi għall-verdett mogħti mill-ġuri verdett ta' ħtija ta' Omiċidju Involontarju, u tagħti dik is-sentenza minflok is-sentenza fuq imsemmija tas-6 ta' Novembru 2015 kif ikun ġustifikat bil-liġi għal dak ir-reat ta' Omiċidju Involontarju, u dana ai termini tal-artikolu 502(2) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(iv) F'każ li l-ebda waħda mit-talbiet fuq indikati ma tiġi milqugħa u jekk lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija tal-fehma li l-ġuri ta verdett li jaqa' fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 480(3) u lil din l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li l-ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi meqjusa minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, li waslet għall-konklużjoni ħażina dwar l-effett ta' dak il-verdett, tiddisponi minn dan l-appell billi minflok ma tilqa l-appell, tordna li tiġi reġistrata dik il-konklużjoni kif jidher lill-din l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li jkun meħtieġ skont il-liġi mill-verdett, u tagħti dik is-sentenza (li ma tkunx sentenza aktar gravi) minflok is-sentenza fuq imsemmija tas-6 ta' Novembru 2015 kif ikun ġustifikat bil-liġi, u dana ai termini tal-artikolu 502(3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(v) F'każ li l-ebda waħda mit-talbiet fuq indikati ma tiġi milqugħa, u jekk lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha minflok li missha inghatat sentenza differenti, tiddisponi minn dan l-appell billi tħassar is-sentenza fuq imsemmija tas-06 ta' Novembru 2015 u taghti dik is-sentenza l-oħra ġustifikata bil-liġi mill-verdett (li ma tkunx sentenza aktar gravi) minflok l-imsemmija sentenza tas-6 ta' Novembru 2015, kif jidhrilha li missha ngħatat, u dana ai termini tal-artikolu 501(3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(vi) F'kaz li l-ebda waħda mit-talbiet fuq indikati ma tiġi milqugħa, tirriforma u timmodifika s-sentenza fuq imsemmija tas-6 ta' Novembru 2015, għal dak li jirrigwarda l-piena billi tigi imposta piena

aktar ekwa, ġusta u proporzjonata għar-responsabbilta' tiegħu, u dana tenut kont ir-riżultanzi relattivi."

**5**. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-3 ta' Lulju 2018.

**6**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**7**. Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**8**. L-appellant iqanqal diversi lanjanzi diretti lejn il-verdett moghti mill-gurati fejn b'vot kwazi unanimu huma sabuh hati tal-omicidju ta' dik li kienet martu Margaret Mifsud. Jishaq b'mod ewlieni li hu gie misjub ħati ħazin fuq il-fatti tal-kawża. Jilmenta inoltre li kien hemm irregolarita' matul il-kawża jew interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Fl-aghar ipotesi huwa jghid illi jekk tirrizulta xi htija fil-konfront tieghu dan kellu jissarraf f'sejbien ta' htija ghar-reat tal-omicidju involontarju. Dawn il-lanjanzi iwasslu lill-appellant sabiex iressaq diversi talbiet imhaddna kemm fl-artikoli 501 u 502 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll talba sabiex huwa jerga' jigi ipprocessat mill-gdid fl-eventwalita' li din il-Qorti issib li sehhet irregolarita' gravi waqt il-guri fit-termini tal-artikolu 508(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan jekk jidher li l-interessi tal-gustizzja hekk jinhtiegu.

**9**. Minn ezami tar-rikors tal-appell jidher li dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa illi s-sejbien ta' htija huwa imsejjes kollu kemm hu fuq

apprezzament ta’ sensiela ta’ provi ċirkostanzjali li l-imhallfin tal-fatt dehrilhom li kollha kienu qed jippuntaw lejn ir-reita’ ghall-uniku kap tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Dawn, fil-fehma tieghu, ma setghux iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ghaliex l-indizji migbura fil-kors tal-*in genere* u li tressqu quddiem il-qorti, ma setghux jissarrfu fl-elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat tal-omicidju, billi ma giex ippruvat illi l-att materjali gie kommess minnu u allura wisq anqas setghu jindikaw l-element intenzjonali. Ghalhekk jinsisti illi s-sejbien ta’ ħtija huwa wieħed *unsafe and unsatisfactory*.

**10**. Jishaq illi kienu tlieta l-pilastri li l-prosekuzzjoni necessarjament kellha tibni sabiex tirrizulta ir-reita’ u cioe’ :

(i) l-presenza tieghu fuq ix-xena tad-delitt, u cioe’ illi hu kien flimkien mal-vittma fil-mument meta’ hi tilfet ħajjitha;

(ii) gjaldarba dan jigi ippruvat, kellha issir il-prova li l-azzjonijiet tiegħu setgħu fil-fatt wasslu għall-mewt tagħha, u

(iii) finalment stabbiliti dawn il-provi, kellu jigu ippruvat li l-appellant kellu l-intenzjoni pozittiva li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta’ Mifsud f’periklu ċar.

**11**. Jilmenta illi l-indirizz lill-gurati ma fissirx dawn il-linji difenzjonali izda l-gurati gew biss iggwidati jikkonsidraw l-ewwel wahda minn dawn it-tlett difizi biex b’hekk inghatat lilhom direzzjoni zbaljata mill-Imhallef togat u dan bi pregudizzju serju ghalih. Jishaq illi l-*animus noċendi* huwa għal kollox nieqes.

**Ikkunsidrat :**

**12**. Illi ghalkemm l-appellant iressaq diversi talbiet fl-appell minnu intentat, kif inghad, madanakollu jidher illi huma tlieta il-lanjanzi ewlenija, bl-ewwel wahda tkun dik marbuta mal-apprezzament tal-provi fejn allura qieghed jitlob li l-verdett jinbidel ghal wiehed ta' liberazzjoni, imbaghad jilmenta illi sehhet irregolarita' gravi waqt il-guri fejn il-gurati gew influwenzati ndebitament mill-Imhallef li ppresjeda l-guri u ghalhekk talab li jigi pprocessat mill-gdid minhabba dan il-fatt, u finalment billi jidhirlu illi fl-aghar ipotezi setghet tinstab htija ghar-reat minuri ta' omicidju involontarju, talab li jinghata sentenza inqas gravi minn dik moghtija fil-konfront tieghu. Sussidjarjament talab temperament fil-piena inflitta fil-kaz li jkunu respinti l-aggravji tieghu.

**13.** Din il-Qorti sejra tqis l-ewwel aggravju u cioe` dak marbut mal-apprezzament tal-provi qabel ma tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra.

**14**. Illi il-gurisprudenza kopjuza tal-qrati taghna in materja ta' apprezzament mill-gdid tal-provi dejjem sostniet illi :

> **"Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-**

**process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat'[1].**

**15**. Dan ghaliex jekk din il-Qorti taghmel dan tkun qed iggib fix-xejn l-ispirtu tal-guri fejn ic-cittadin, u mhux l-Imhallef togat, jiddeciedi dwar il-htija tal-persuna akkuzata. Dan iktar u iktar meta il-gurati kellhom l-vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux biss jisimghu l-provi iżda ukoll li jaghmlu evalwazzjoni ta' l-imġieba u l-komportament tal-persuni li xehdu quddiemhom, b'mod ewlieni dik ta' l-appellant li ghazel li jixhed, liema analizi meta abbinata mal-provi l-ohra kollha kienet essenzjali sabiex huma jaslu ghall-konkluzjoni taghhom.

**16**. Madankollu, tenut kont tan-natura tal-appell u l-mod kif ġew intavolati l-aggravji mill-appellant, din il-Qorti sejra tghaddi mhux biss biex tevalwa l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, izda ukoll sejra tezamina l-indirizz tal-Imhallef sabiex tistabilixxi jekk il-ġurati setgħux b'mod raġonevoli u legalment jaslu għall-verdett tagħhom.

**17.** Mill-provi tal-prosekuzzjoni jirriżulta li fid-19 ta' April 2012 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar instab il-kadavru tal-Avukat Margaret Mifsud ta' wieħed u tletin (31) sena ġewwa l-vettura tagħha tal-għamla Daihatsu Cirio bin-numru ta' reġistrazzjoni MAG645 ġewwa Baħar iċ-Cagħaq, fiż-żona magħrufa bħala Qalet Marku. Il-kadavru nstab bilqedgħa fis-sedil tax-xufier tal-vettura bir-ras mxengla lejn in-naħa tal-

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008. Ara ukoll, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

lemin u jserraħ fuq it-tieqa tax-xufier. Kien hemm ċarċir ta' demm fuq wiċċ il-vittma, allavolja ma kienx hemm sinjali viżibbli ta' vjolenza fuqha.

**18**. Mill-awtopsja li saret fuq il-kadavru kien stabbilit illi l-Avukat Mifsud mietet kaġun ta' '***traumatic asphyxia***' ikkaġunata minn pressjoni qawwija fuq sidirha li zammitha milli tieħu n-nifs. Il-mewt ghalhekk giet iċċertifikata bħala waħda suspettuza[2].

**19**. Minnufih ghalhekk beda l-istharrig tal-pulizija u infethet inkjesta magisterjali. Dakinhar tad-19 ta' April 2012, billi omm il-vittma kienet ghamlet rapport mal-pulizija dwar l-ghejbien taghha, u allura qabel ma nstabet Mifsud aktar tard wara nofsinhar, il-pulizija kienu ikkomunikaw mal-appellant sabiex jistaqsuħ jekk din kenitx miegħu. Huwa stqarr illi l-aħħar darba li raha kienet il-lejla ta' qabel ghal habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija. Wara li nstab il-kadavru, il-pulizija baghtu ghall-appellant biex jigi mitkellem. L-appellant tahom il-verzjoni tieghu tal-fatti. Huwa rrilaxxja l-ewwel stqarrija tiegħu fis-26 ta' April 2012. Minn hawn beda jibdel il-verzjonijiet tieghu.

**20**. L-appellant kien rilaxxjat bil-*police bail*. Fuq medda ta' tlett xhur kien mitkellem mill-pulizija mhux anqas minn disa' darbiet. Matul l-inkontri tiegħu mal-pulizija hu beda jiġi rinfaċċjat bir-riżultanzi forensiċi u tekniċi li kienu qed jirriżultaw fil-kors tal-*in genere* billi dawn il-provi kienu qed jipprezentaw stampa differenti minn dak li hu kien qed jallega. Meta rinfaccjat b'dawn il-provi, huwa zied u biddel xi fatti biex jipprova jaghti spjegazzjoni ghall-indizji li kienu qed jigu misjuba.

---

[2] Ara r-rapport ta' Profs. M.T Camilleri u Dr. Ali Salfraz immarkat bħala Dok MTS1 a folio 283 tal-atti kumpilatorji kif ukoll ir-rapport ta' Dr. Mario Scerri immarkat bħala Dok MS a folio 280 tal-atti kumpilatorji.

**21**. Illi fil-kors tal-investigazzjoni, il-pulizija akkumpanjaw lill-appellant sabiex jurihom eżattament l-itinerarju tieghu fil-lejla precedenti kif deskritt lilhom verbalment matul l-istqarrijiet. Minn dan l-ezercizzju hargu iktar fid-deher id-diskrepanzi fil-verzjoni tal-fatti moghtija minnu, b'mod ewlieni ghaliex il-provi forensici kienu qed ipogguh x-Xemxija fil-lejla tal-omicidju, qrib ħafna fejn kienet Margaret Mifsud u dan meta ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija (9:30pm), hu kien irceva telefonata fuq ic-cellulari tieghu. Rinfaċċjat b'din il-prova l-appellant zied mal-verzjoni tieghu diversi fatti ohra li ma kienx semma qabel u holoq storja li poggietu x-Xemxija f'dik il-lejla u li kien naqas milli jsemmi lill-pulizija[3]

**22.** Abbinat ma' dawn il-provi cirkostanzjali li kienu qed ixejjnu l-verzjoni tieghu hareg ukoll mill-provi forensici migbura illi cellulari iehor appartenenti lill-appellant tal-ghamla 'Iphone', li ġie lokalizzat fix-Xemxija wkoll minn diversi *Wifi Points* fl-akkwati, kien qed jindika wkoll l-preżenza tiegħu f'dan il-post għal ċertu ħin twil u dan minn ftit qabel id-disgħa ta' fil-ghaxija, liema hin kien jikkombacja mal-wasla ta' Mifsud gewwa ir-*restaurant* bl-isem 'Fortress', fix-Xemxija. Dan apparti l-messaggi mibghuta minn Mifsud lil-appellant fejn kienet qed tindikalu li ma rieditx iktar kuntatt mieghu, u l-aktar prova determinanti li tohrog mir-rapport tal-espert Marisa Cassar tal-predominanza ta' DNA tal-appellant fil-vettura fejn sehh id-delitt u fuq il-persuna tal-vittma.

**23**. Illi l-appellant jinsisti illi l-provi ċirkostanzjali li gabet il-prosekuzzjoni ma kienux univoċi u lanqas ma kienu jippruvaw ir-responsabbilta' tieghu kemm ghall-att materjali kif ukoll ghal dak intenzjonali billi huwa jaghti spjegazzjoni ghal kull fatt li johrog mill-imsemmija provi sabiex b'hekk

---

[3] Dok DDA1 huma l-prime note ta' PS435 David D'Amato li għamel referenza għall-istess matul ix-xhieda tiegħu fil-ġuri tal-24.10.15 u li jispjegaw ir-rotta oriġinali fejn L-ispettur Keith Arnaud ma kienx preżenti u fejn ix-Xemxija mijiex immensjonata mill-appellant.

dawn ma jistghu qatt jippuntaw biss fid-direzzjoni tar-reita', ghaliex fil-fehma tieghu l-indizji misjuba ma jistghux b'mod univoku iqieghduh fuq ix-xena tar-reat. Ighid illi huwa ma kellu l-ebda mottiv biex joqtol lil omm uliedu u dan ghaliex ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda tajba kif jixhdu il-messaggi skambjati bejniethom fil-jiem precedenti l-kommissjoni tad-delitt.

**24.** B'mod kontradittorju ghad-difiza ewlenija tieghu li ma kienx fuq ix-xena tar-reat, l-appellant jaghmel referenza ghall-opinjoni tal-espert medikolegali illi l-vittma kienet involuta f'sess orali mal-aggressur taghha fil-mumenti precedenti id-decess taghha. Jistrieh fuq din il-prova biex jivventila id-difiza alternattiva tieghu illi tista' tinstab htija biss ghar-reat tal-omicidju involontarju billi allura l-intenzjoni doluża tidher mankanti minn dan il-fatt. Jikkritika wkoll ir-rapport ta' Dr. Marisa Cassar meta jishaq illi l-konkluzjonijiet ta` din l-espert ma humiex konklussivi u dan peress li ma saritx komparazzjoni mad-DNA tat-tfal tal-vittma u tal-appellant li seta' allura kien prezenti fuq il-vittma, apparti li kien hemm prova jekk Mifsud haslitx idejha mill-hin li iltaqghet mieghu iktar kmieni fil-lejla precedenti id-delitt, kif jikkontendi meta kienu intimi fil-vettura taghha.

**Ikkunsidrat :**

**25**. Illi minn qari tal-artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali li jaghti definizzjoni tar-reat tal-omicidju volontarju johrog illi necessarjament sabiex tinstab htija ghal dan id-delitt l-*actus reus* jew l-att materjali jrid ikun akkumpanjat bl-intenzjoni li wieħed '*joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar*', li kwindi jinkorpora kemm l-intenzjoni speċifika u dik ġenerika. Din l-istess intenzjoni trid tiġi ppruvata sabiex persuna mixlija b'omiċidju volontarju, bħalma huwa l-appellant, jinstab ħati ta' dak ir-reat. Illi allura min hu

msejjah biex jiġġudika l-fatti, għandu jieħu qies tal-provi kollha tal-każ u jiddeduċi minn dawk il-provi u miċ-ċirkostanzi tal-istess jekk min ikkometta l-att materjali kellux ukoll l-intenzjoni kriminali li jikkomettih. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-31 ta` Mejju 2001 fil-kawza "**Il-Pulizja vs Marco Farrugia et**" inghad illi :-

> **'Gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali.....'.**

**26**. L-istess prinċipju kien ravvizzat fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**" : deciza fit-8 ta` Lulju 2004 : fejn kien dikjarat illi :

> **'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.**[4]'

**Ikkunsidrat :**

[4] ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci deċiża fit-8 ta' Lulju 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David.

**27**. Illi l-provi saljenti kif jemergu kemm mill-atti tal-*in genere*, dawk tal-Istruttorja kif ukoll il-provi imqieghda ghall-gudizzju tal-gurati matul il-guri jindikaw is-segwenti fatti li minnhom jemergu ic-cirkostanzi li wasslu sabiex sehh l-att materjali. Mhux biss izda minn dawn l-istess fatti anke l-element intenzjonali, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Il-fatti saljenti li jemergu mill-provi (inkluz allura il-verzjonijiet moghtija mill-appellant fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu u fix-xiehda moghtija quddiem il-gurati) jindikaw is-segwenti cirkostanzi :

- L-appellant kien mizzewweġ lill-vittma Margaret Mifsud kemm bir-rit Musulman kif ukoll dak ċivili, minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal. Sussegwentement fis-sena 2005 dan iż-żwieġ ġie annullat.[5] Xi zmien wara fil-fatt l-appellant tkecca minn Malta.[6]

- Matul iż-żwieġ, l-appellant u l-vittma kienu qedgħin jabitaw fir-residenza tal-ġenituri ta' l-vittma u ċioe ġewwa 95, Sunflower, Triq Casolani, Birkirkara u dan minħabba problemi finanzjarji tagħhom f'dawk iż-żminijiet.

- Jirrizulta wkoll li ftit wara li twieldet it-tieni wild Elayyah, l-appellant telaq mid-dar mingħajr raġuni valida u mingħajr ma ndika fejn kien sejjer. Dan sehh skont l-appellant ghaliex huwa ma kellux relazzjoni tajba ma' omm martu, ghalkemm jishaq illi xortawahda baqa' izomm kuntatt ma' martu.

- Jidher li wara dan l-inċident, iż-żwieġ kien tħassar iżda xi snin wara il-vittma m'oġġezzjonatx li l-appellant jirritorna lura Malta biex ikun

[5] Ara x-xhieda ta' Tereza sive Tessie Mifsud a folio 721 tat-traskrizzjonijiet mill-ġuri u datat d-29 ta' Ottubru 2015.
[6] Dok JB3 u JB4 a folio 1132 u 1132 tal-atti kumpilatorji u eżebiti minn WPS32 Joyce Bonello li xehdet matul dan il-ġuri nhar it-23 ta' Ottubru 2015 (folio 433).

jista' jqatta' ħin ma` uliedu kif irriżulta mix-xiehda ta' WPS 32 Joyce Bonello fost oħrajn. Inoltre wara xi żmien li wasal lura Malta, l-appellant reġa' mar jabita għand il-ġenituri tal-vittma u dan wara li kien involut f'inċident fejn kien safa` ferut. Il-vittma accettatu lura unikament minhabba uliedhom. Dan is-sentiment huwa wkoll evidenzjat minn *emails* li kien hemm bejn il-vittma u l-appellant xi żmien qabel ma reġa' beda jabita magħha mill-ġdid. Jidher izda li kien hemm ostilita' bejn l-appellant u omm il-vittma minhabba l-imgieba tieghu lejn bintha.

- Jirrizulta kemm mix-xiehda ta' omm il-vittma, kif ukoll l-ulied minuri tal-koppja, illi r-relazzjoni bejn Mifsud u l-appellant ma kenitx tajba, u dan minhabba htija imputabbli lill-appellant. Jidher illi spiss kien ikun hemm incidenti ta' vjolenza fizika kommessi mill-appellant fil-konfront ta` martu, bl-uzu ta' forza eccessiva. Mhux biss izda kien hemm incidenti ta' uzu ta' dixxiplina eccessiva fil-konfront tal-ulied u anke 'logħob' goff maghhom. Inoltre hemm evidenza wkoll li turi li Mifsud ma kinitx kuntenta b'dan l-arranġament u li kienet qed tissapporti lill-appellant fl-aħjar interess ta' uliedha. Dan il-fatt johrog mill-*emails* li Mifsud kienet tibgħat lil Geraldine Watson li jindikaw ukoll li l-appellant kien ġieli hedded lill-vittma.[7] L-appellant jichad dan kollu.

- Jirrizulta li kien sehh inċident fl-24 ta' Marzu 2012, u ċioe madwar tlett ġimgħat qabel l-għejbien u l-mewt tal-vittma, fejn l-appellant kien ipprova jifga` lil Mifsud. Dan l-incident sehh fir-residenza tal-genituri taghha li dwaru Mifsud kienet ghamlet rapport lill-pulizija.[8] F'dan l-incident Mifsud sofriet griehi hfief konsistenti fi ħmura fuq l-

[7] Folio 199 sa 205 mit-tieni volum tal-inkjesta maġisterjali.
[8] Ara wkoll ix-xhieda ta' PC3 Kevin Grima a folio 192 u PS321 Alan Lagrasta a folio 197 fl-ewwel volum ta' traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri.

għonq.[9] Wara dan l-incident l-appellant tkecca mid-dar tal-genituri ta' Mifsud fejn kien qed jabita.[10]

- Il-vittma halliet warajha notamenti fuq bicca karta fejn kienet irrakkontat l-inċident li kien seħħ fl-24 ta' Marzu 2012 u fejn għamlet referenza wkoll għat-theddid li kienet għaddejja minnu kemm matul dak l-inċident kif ukoll qabel, fosthom li l-appellant kien ighidilha li jaf joqtol mingħajr ma jħalli traċċi.[11] Din il-kitba ġiet ikkonfermata forensikament mill-espert ta' kaligrafija Joseph Mallia li kkonferma li din il-kitba kienet fil-fatt dik tal-vittma u liema rapport bl-ebda mod ma kien kontradett mill-appellant.[12] L-appellant rega` cahad dan l-inċident ta' vjolenza domestika u t-theddid fil-konfront ta' Mifsud. Ighid li dan kien rapport falz li ghamlet Mifsud fuq istigazzjoni ta' ommha.

- Wara dan l-inċident jidher li l-vittma ma kellha ebda intenzjoni terġa' tilqa' lill-appellant fid-dar ta` ommha kemm għall-protezzjoni tagħha kif ukoll dik ta' uliedha. L-uniku kuntatt li kien inżamm kien minħabba t-tfal izda tramite *skype* jew telefonikament. Dan ħareġ b'mod ċar mill-kontenut tal-messaġġi skambjati bejn l-appellant u l-vittma. Skont l-appellant dawn il-messaġġi kienu kollha *messa in scena* min-naha tal-vittma biex tahbi l-fatt li kienet ghamlet rapport falz kontra tieghu dwar l-inċident tal-24 ta' Marzu 2012. Ighid illi fil-fatt huma kienu qedgħin jippjanaw li jmorru jgħixu ilkoll bħala famlija ġewwa dar Ħal-Lija li l-vittma kienet xtrat.

---

[9] Xhieda ta' Dr. Nikolai Pace a folio 230 tat-traskrizzjoni tax-xhieda matul il-ġuri kif ukoll Dok ET2 a folio 219 tal-atti kumpilatorji.
[10] Folio 391 tat-traskrizzjonijiet tal-ġuri datata s-26 ra' Ottubru 2015.
[11] Dok CF1 a folio 233 tal-atti kumpilatorji.
[12] Ara x-xhieda matul il-ġuri tal-espert Mallia b'referenza għar-rapport tiegħu datat it-23.10.15 a folio 232.

- Wara l-inċident tal-24 ta' Marzu 2012 hemm żewġ inkontri ppruvati bejn l-appellant u l-vittma, senjatament dak li seħħ fis-16 u fis-17 ta' April 2012 u ċioe jumejn qabel l-għejbien u l-mewt tal-vittma. Jidher li f'dawn iz-zewg okkazjonijiet l-appellant kien tfaċċa mingħajr preavviz l-iskola tat-tfal u l-lezzjoni taz-zfin rispettivament fejn kien intrometta ruħu fil-vettura tal-vittma u beda jitkarrab magħha sabiex taċċettaħ lura biex ighixu bħala familja mill-ġdid. Dan jixhduh ulied Mifsud u l-appellant, kif ukoll il-habiba taghha Astrid Bonnici. Fit-tieni incident fuq insistenza tal-appellant huma kienu marru jieklu mieghu l-Pizza Hut fejn allegatament kien hemm mument minnhom fejn l-appellant kien tbewwes mal-vittma, izda l-omm tqerr ma' uliedha li ma kenitx hadet gost b'din l-imgieba tal-appellant. Dan jirrizulta ukoll minn ritratti ezebiti mill-prosekuzzjoni u mehuda mill-*Iphone* tal-appellant, liema ritratti huma indikattivi tal-fatt illi x'aktarx l-appellant kien qed isegwi l-passi tagħhom.[13] L-appellant jerga' jichad illi hu sforza l-presenza tieghu fuq Mifsud u uliedu f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet.

- Illi l-għada filgħodu kien hemm skambju ta' messaġġi bejn l-appellant u l-vittma fejn għal darb'oħra l-vittma tagħmilha ċara mal-appellant li ma tridx taf biħ aktar u li għandha bżonn tipproteġi lill-uliedha, liema decizjoni jidher li ma kenitx qed tinzel tajjeb mal-appellant. Aktar tard fl-istess jum kienu skambjati messaġġi ohra dwar is-*CV* tieghu li l-appellant kien talab mingħand il-vittma. L-ahhar messagg skambjat bejniethom sehh għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar fejn Mifsud infurmat lill-appellant biex ma jmurx jigbor s-*CV* tieghu peress li kellha bżonn tagħmel il-*homework* ma` bintha u li ma kinitx ser tlaħħaq tlestieh.[14] L-appellant ighid li sab dan il-messagg biss meta kien diga' wasal Birkirkara ħdejn ir-residenza tal-

[13] Dok CD formanti parti mir-rapport tekniku Dok FSP1 a folio 298 tal-atti kupilatorji.

[14] Ara r-rapport ta' Dr. Steven Farrugia Saccu u l-Inġinier Patrick John Mifsud Dok FSP1 fejn hemm it-traskrizzjonijiet ta' dawn il-messaġġi.

ġenituri ta' l-vittma. L-appellant ighid ukoll li hu kien ħalla c-cellulari tieghu BlackBerry fil-kamra tal-lukanda Eurostar fejn kien qed jabita f'dawk iż-żminijiet qabel telaq biex jiltaqa' ma' Margaret Mifsud meta kien daħħal is-*SIM card* tal-BlackBerry f'dak tas-Samsung u fejn allura skont hu kien qara dan il-messaġġ biss meta kien wasal Birkirkara u f'liema waqt Mifsud kienet diga' miegħu fil-karrozza.

- Dakinhar tat-18 ta' April 2012, il-vittma kienet ser tattendi ikla mal-kollegi tagħha organizzata bhala *farewell dinner* ghall-habiba taghha Astrid Bonnici.[15] Din l-ikla kellha issir fir-*restaurant* bl-isem *Fortress* ġewwa x-Xemxija għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (8:30pm). Il-vittma titlaq mid-dar fit-tmienja u ghaxra (8:10pm) u tasal quddiem l-*Empire Cinema* Buġibba fejn kellha tigbor lil Astrid Bonnici u dan ghal habta tat-tmienja u nofs (8:30pm). Dawn il-hinijiet jirrizultaw minn messaġġ telefoniku li l-vittma bagħtet lil Astrid Bonnici biex tinfurmaha li kienet ser titlaq mid-dar f'dak il-ħin. Inoltre Tessie Mifsud tiftakar ċar li l-aħbarijiet tat-tmienja kienu diġa bdew jixxandru fuq it-televizjoni u li l-vittma kienet fil-fatt aċċenatilha li kienu saru t-tmienja u ghaxra (8:10pm) u li kien sarilha l-hin.

- Hekk kif tiltaqa' ma' Bonnici, dawn jerhulha direttament lejn ix-Xemxija fejn jaslu hemm madwar kwarta wara. Dan johrog mix-xiehda tal-kollegi kollha ta' Mifsud. Il-vittma kienet ħalliet karta ma' uliedha bin-numru ta' Astrid Bonnici fuqu biex jekk ikollhom bżonn xi ħaġa jikkomunikaw magħha peress li kienet ser titfi l-*mobile* tagħha sabiex l-appellant ma joqgħodx idejjaqha.

---

[15] Donatella Bondin (folio 341), Miriam Bugeja (folio 346), Paul Bugeja (folio 350), Kurt Said (folio 353), Carmen Fenech (folio 357), David Busuttil (folio 360), Dr. Renald Micallef (folio 364), Melanie Mercieca (folio 369), Rachael Dalli (folio 371), Charlene Cassar (folio 374), Pauline Gatt (folio 380) li lkoll xehdu matul il-ġuri fis-26 ta' ottubru 2015; kif ukoll Lorraine Abela (folio 387) u Astrid Bonnici (folio 391) li xehdu matul il-ġuri nhar is-26 ta' Ottubru 2015.

- Issa skont l-appellant hu kien ħdejn ir-residenza ta' omm Mifsud fit-tmienja neqsin kwart ta' fil-ghaxija (7:45pm) u kien stenniha biex toħroġ. Jishaq illi Mifsud harget ftit qabel it-tmienja. Hu jistqarr li ma kienx jaf fejn kienet sejra f'dik il-lejla ghaliex ma tatu l-ebda informazzjoni meta staqsieha. L-appellant igħid ukoll li kien ikkomunika via *skype* mat-tifla tiegħu fejn kien tkellem maż-żgħira li kienet qaltlu li ommha kienet ħierġa iżda ma qaltlux fejn lanqas. Igħid li kellem lil bintu għall-ħabta tat-7:45pm u allura fil-ħin li hu jgħid li kien diġa' wasal Birkirkara. Skont l-appellant kif Mifsud ħarġet mir-residenza tagħha, hu ħareġ mill-karrozza tal-kiri li kien kera dakinhar stess sabiex hi tinduna biħ. Ighid li Mifsud daħlet fil-vettura tagħha u saqet kantuniera 'il bogħod fejn kien hemm ġnien pubbliku u bandli. Hemmhekk tkellmu dwar is-*CV*, raw dak il-messaġġ flimkien fejn il-vittma kienet infurmatu li ma setghetx taqdiħ dakinhar, beda jaqbad magħha dwar kif kienet liebsa u li kienet 'sexy' u kellhom x'jaqsmu sesswalment minn fuq il-ħwejjeġ. Wara dan Mifsud telqet lejn Bugibba u l-appellant mar lura Paceville.

- L-appellant ighid ukoll li qabel iltaqa' ma' Mifsud hu kien qiegħed San Ġiljan jittanta n-nisa u stqarr ukoll li kien anke eġakula f'dawn l-inkontri qabel mar jiltaqa' ma` Mifsud fejn kien għamel *tissue* mal-parti tiegħu sabiex ma jħammigx il-ħwejjeġ tiegħu u biex jibqa' nadif. Infatti jgħid li meta 'lesta' minn ma' Margaret hu rega' uza l-istess *tissue*. Ighid li Mifsud kienet fic-ciklu menstruwali taghha, u b'dan induna meta kellhom rapporti intimi sesswali bejniethom u fil-fatt kien għalhekk ukoll li huma kellhom x'jaqsmu minn fuq il-ħwejjeġ. Din hija l-verzjoni tieghu tal-fatti.

- Mill-provi jirriżulta li matul l-ikla, Mifsud kienet ikkonsmat "fingerfood" fejn kienet allura kielet bl-uzu ta' idejha.

- Ghal habta tal-ghaxra u tlett minuti ta’ filghaxija (10:03pm) Bonnici irceviet telefonata minghand omm il-vittma. Mifsud tkellmet ma’ uliedha u nfurmathom li madwar siegħa wara kienet ser tirritorna d-dar. Infatti għall-ħabta tal-ħdax (11:00 pm) Mifsud flimkien mal-kollegi taghha telqu mix-Xemxija, u Mifsud wasslet lil Bonnici d-dar fi Triq il-Ħġejjeġ, Buġibba. Bonnici tinnota li Mifsud kienet anzjuza biex tfittex tasal lura d-dar peress li uliedha kienu għadhom imqajmin u l-għada ma kienux ser jirnexxielhom iqumu ghall-iskola. Mifsud wasslet lil Astrid Bonnici izda baqghet ma marritx lura d-dar. Intilef il-kuntatt magħha.

- Ghal habta tal-erbgha ta’ filghodu (4:00am) omm il-vittma kkomunikat ma’ Astrid Bonnici ghax bintha kienet ghadha ma marritx lura d-dar. Teresa Mifsud ghamlet rapport l-Għassa ta’ Birkirkara dwar l-għejbien ta’ bintha u nfurmat lill-pulizija li kienet qed tibza’ li bintha kienet mejta minn taht idejn l-appellant.

- Issa skont l-appellant matul il-ħin li Mifsud kienet ix-Xemxija hu kien qiegħed jaqbad ma’ tfajla Russa mhux identifikata fejn kien ħadha l-Mosta biex tara l-veduta tal-Mdina u wara kienu rhewlha lejn Buġibba fejn ipparkja l-karrozza tal-kiri li kien qed isuq quddiem L-Empire Cinema complex u minn hemmhekk imxew lejn il-qalba tal-Bugibba. Isemmi incident li ppreceda l-wasla taghhom Bugibba hdejn l-pompa ta’ Fenech Service Station fit-triq prinċipali ta’ San Pawl il-Baħar meta karrozza b’xi ġuvintur ġo fiha kienu qabdu miegħu u rassewħ, tant illi kellu jitla’ x-Xemxija biex jiskapulhom, u wara li ma baqghux warajh, ipproċeda biex jinżel lura fil-pompa ta’ Fenech biex jagħti €10 petrol lill-vettura tal-kiri li kien biha.

- Mill-provi jemergi illi l-appellant kera karozza ghal dak il-jum biss. Il-filmati tal-cameras CCTV tal-pompa tal-petrol migbura mill-pulizija igiddbu lill-appellant illi hu kien dahal f'din il-pompa tal-petrol f'dik il-lejla. Lanqas ma jirrizulta illi fil-fatt sar il-bejgh tal-fuel kif allegat minnu fl-ammont indikat u mill-pompa indikata.

- Meta jasal Bugibba, ighid li kien mar ifittex ir-*restaurant* fejn xtaq jagħti x-CV tiegħu biex jibda' jaħdem u dan dejjem fil-kumpanija tat-tfajla Russa fejn allavolja għamlu madwar sagħtejn u nofs iduru fil-vojt dan ir-*restaurant* baqa' ma sabux. Ighid illi pprova jċempel lil Margaret għall-ħabta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (11:30pm) biex hi tgħidlu fejn kien dan ir-*restaurant* iżda l-*mobile* tagħha kien mitfi. Wara din it-tfittxija nutli, wassal lit-tfajla Russa lura San Ġiljan qrib fejn kienet tabita u dan peress li kienet għajjiet tiġri miegħu bit-takkuna. Hu kien ftiehem magħha li kien ser jiltaqa' magħha l-għada fejn kien ta n-numru tiegħu imma ma kienx ħa tagħha għax kien numru barrani. Kif wassalha jgħid li mar lejn ic-*Champs Pastizzeria* biex iġib *lighter* skont hu biex imur jittanta n-nies fuq il-bajja. Dan kien għall-ħabta tas-sagħtejn u għaxar minuti ta' filgħodu (2:10am). Madwar tlett kwarti wara, l-appellant mar lura c-*Champs Pastizzeria* bil-pass fejn kien kiel xi ħaġa hemmhekk u qagħad jitkellem man-nies fil-ħanut u jgħidilhom biex ixommu r-riħa tal-fwieħa qawwija li hu kellu fuqu. Hu dam hemmhekk sal-ħin tal-erbgħa ta' fil-ghodu (4:00am) u sussegwentement kien irritorna l-lukanda fejn kien qed ighix. Wara madwar sagħtejn kien reġa` qam filgħodu biex imur jiġri u wara mar ghall-ewwel jum tax-xoghol tieghu gewwa l-Ghadira.

- L-appellant jircevi telefonata mingħand WPS 110 fejn jigi mistoqsi jekk Mifsud kenitx miegħu u dan għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu (8:00am) meta allegatament kien fi triqtu lejn il-Costa Del Sol fuq ix-xarabank. L-appellant jishaq mal-pulizija li l-aħħar li kien ra lil Mifsud kienet fil-ġurnata preċedenti qabel it-tmienja ta' fil-ghaxija (8:00pm)

fejn hi kienet marret il-lukanda tiegħu minħabba is-CV tieghu, liema verżjoni madankollu nbidlet meta tkellem mal-pulizija. L-appellant iġġustifika din il-bidla fil-verżjoni mogħtija minnu għaliex ighid li beża` li jinqabad jikser kundizzjoni mposta fuqu mill-Ispettur Taliana wara l-każ irrappurtat tal-24 ta' Marzu 2012 u ċioe li ma jersaqx lejn ir-residenza ta' Mifsud.

- Mill-messaġġi telefoniċi jirrizulta li wara din it-telefonata ma' WPS110 l-appellant bagħat żewġ messaġġi lil Mifsud biex jistaqsiha fejn kienet u fejn ighidilha li ma kienx is-soltu li ġġib ruħha b'dan il-mod. Għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2:00pm) telaq mill-post tax-xoghol tieghu u dan meta nduna li l-pulizija kienu qeghdin ifittxuħ u s-sidien tal-istabiliment qalulu biex imur ikellem l-pulizija biex jiċċara l-affarijiet magħhom.[16] L-appellant ibiddel iż-żarbun li kellu b'wieħed ġdid fjamant li hu jixtri dakinhar stess minn Buġibba.
- Għall-ħabta tas-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar (1:30pm) il-vittma tinstab Baħar iċ-Ċagħaq fil-vettura taghha bil-qieghda fis-sedil tax-xufier b'rasha mserraħ mal-ħġieġa mat-tieqa b'indikazzjonijiet taċ-ċarċir ta' demm hiereg minn mneħirha u minn ħalqha, liema demm kien tiela' 'il fuq fid-direzzjoni lejn ghajnejha, iżda b'ebda sinjali ta' vjolenza fuq il-persuna tagħha. Mill-awtopsja li issir wara, il-patoloġisti jikkonfermaw li l-vittma mietet kawża ta' "***traumatic asphyxia***" u dan billi xi ħadd jew xi ħaġa tela` fuq sider il-vittma u għamel pressjoni qawwija tant li ma setatx tibqa' tieħu nifs.

- L-espert mediko-legali, Tabib Dr. Mario Scerri, fid-dawl tat-traċċi ta' ċarċir ta' demm fuq wiċċ il-vittma, kif ukoll il-konsistenza tagħha, kien tal-fehma illi l-vittma mietet f'posizzjoni mimduda, u sussegwentement ġiet mcaqilqa minn fejn oriġinarjament mietet għal

[16] Ara x-xhieda ta' Reuben Curmi a folio 264 u Anthony Curmi a folio 274 tat-traskrizzjoni tax-xhieda matul il-ġuri u entrambe datati l-24 ta' Ottubru 2015.

posizzjoni bilqieghda. Inoltre minħabba traċċi ta' trabijiet li nstabu fil-vettura tal-vittma u li ġew analizzati, l-espert iddeduċa li min aggrediha kien riekeb fil-karrozza mal-vittma diġa' qabel l-wasla tal-istess gewwa Qalet Marku. Skont dan l-espert, kif ukoll il-patoloġisti, din il-mewt f'dawn ic-cirkostanzi ma ssehhx minnufih, izda wara xi hin u tinvolvi ammont ta' tbatija. Patoloġikament kien ċertifikat illi kien hemm *petichie* fuq il-pulmun tal-vittma kif ukoll tbenġila konsiderevoli fuq il-pulmun xellugi tagħha apparti xi indikazzjonijiet oħra. Ikkonkludew l-esperti illi Margaret Mifsud ma kenitx mietet minn mewta naturali.

- Wara diversi tentattivi sabiex issir komunikazzjoni mal-appellant bil-ghan li jkellmuh il-pulizija[17] eventwalment għal ħabta tal-5:30pm wasal l-Ghassa ta' Birkirkara. Kif wasal l-għassa u qabel kellmuh il-pulizija ħassu ħazin. L-appellant igħid li hu ried ikellem lill-avukat tiegħu qabel jitkellem mal-pulizija u dik kienet ir-raġuni għalfejn kien dam biex imur ikellem lil pulizija. Inoltre rigward il-fatt li ħassu ħażin igħid li hu kien diġa` jaf li Mifsud kienet mietet peress li l-avukat tieghu stess kien qallu b`dan bit-telefon sakemm kien fi triqtu fit-taxi lejn l-għassa.

- Illi mill-konkluzjonijiet tal-espert Dr Marisa Cassar, nstabet predominanza ta' DNA tal-appellant taħt id-dwiefer tal-vittma li kienu indikazzjoni ċara li l-vittma kellha kuntatt dirett mal-appellant sa ftit ħin qabel ma sfat maqtula. Instabet predominanza tad-DNA tal-appellant li issuperat il-presenza tad-DNA ta' Mifsud stess.[18] Il-presenza tad-DNA tal-appellant instabet ukoll f'partijiet oħra tal-karrozza iżda mhux bl-istess kwantita' u predominanza. L-espert spjegat ukoll illi ma setax ikun stabbilit tul ta' hin li din il-presenza

[17] Ara x-xhieda tiegħu a folio 285 tat-traskrizzjonijiet tal-ġuri.
[18] Dok MC a folio 1157 tal-atti kumpilatorji.

tad-DNA tibqa' fuq il-persuna ghalkemm bil-kuntatt man-nies jew ma` oġġetti jew anke ma` wieħed innifsu, din l-evidenza ta' DNA li wieħed jista' jkollu fuqu tonqos fl-ammont u allura fil-predominanza.[19]

- Illi mill-profili telefoniċi rriżulta li l-appellant kien għadu fiż-żona ta' San Ġiljan fil-ħin tat-tmienja neqsin kwart ta' fil-ghaxija (19:43) billi inqabad mic-*cell tower* tal-*Portomaso Business Center* meta hu għamel telefonata lil Mifsud biex jara jekk kenitx ghadha d-dar. L-appellant jikkonferma li sehhet din it-telefonata imma jisħaq li din għamilha meta kien diġa' wasal Birkirkara. Inoltre l-*call profiles* jindikaw li l-appellant għamel *top up* tal-*credit* fuq ic-cellulari tieghu fil-ħin tat-tmienja u minuta ta' fil-ghaxija (8:01pm). Dan it-*top up* inqabad mis-*cell* ta' *P. Cutajar Limited* fl-Imrieħel, u allura qrib Birkirkara fejn kienet toqgħod Mifsud. Sussegwentement għall-ħabta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija (9:30pm) l-appellant kien lokalizzat ġewwa x-Xemxija wara li rċieva telefonata mingħand ħuħ b'numru barrani. Wara dan l-appellant ipprova jċempel lil Margaret Mifsud fil-hdax u nofs ta' fil-ghaxija (11:30pm) minn Buġibba li huwa l-ħin approssimattiv meta l-vittma wasslet lil Astrid Bonnici lura d-dar. [20]

- Mix-xiehda tal-espert Inġinier Patrick John Mifsud[21], imbaghad johrog illi fid-disgha neqsin ghaxra ta' fil-ghaxija (8:50pm) il-*wifi* tal-*Iphone* tal-appellant inqabad fi Triq il-Pwales, Xemxija li huwa proprju fejn kienet qiegħda l-vittma dak il-ħin. Din it-triq tinstab qrib il-*Fortress Restaurant* fejn kienet tinsab Mifsud. Jidher ukoll li fil-fatt kien l-*Iphone* in kwistjoni li kien qabad ma` sensiela ta' *wifi spots* fl-istess żona. L-espert jispjega wkoll li biex wieħed jaqbad mal-*wifi spots* ma

[19] Ara x-xhieda traskritta matul il-ġuri a folio 1 fit-tieni volum tat-traskrizzjonijiet u datat id-29 ta' Ottubru 2015.
[20] Dok SGN2.
[21] Folio 523 tat-traskrizzjonijiet matul il-ġuri (flimkien mal-espert Dr. Steve Farrugia Sacco) datat is-26 ta' Ottubru 2015 kif ukoll ir-rapport tekniku mmarkat bħala Dok FSP1.

jridx ikun għaddej bil-karrozza ghal hin momentanju, izda jrid ikun għamel ċerta ammont ta' ħin fiż-żona. L-appellant saħaq mal-pulizija li hu kien fil-fatt ħalla l-*Iphone* tiegħu fil-lukanda ġewwa San Ġiljan.

- Ukoll mix-xiehda u r-rapport tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco rriżulta li l-aħħar messaġġ li Mifsud kienet bagħtet lill-appellant fejn qaltlu li ma kinitx ser tilhaq taqdieħ fuq is-*CV* tieghu kien fil-fatt inqara meta daħal fuq il-BlackBerry tal-appellant peress li kien *stored* ġewwa l-*hard drive* tal-istess cellulari. Dan l-espert jispjega li dak allegat mill-appellant u ċioe` li hu kien qara l-messaġġ meta kien flimkien ma` Mifsud minn fuq ic-cellulari Samsung ma ghandux mis-sewwa peress li dak il-messaġġ kien diġa' nqara minnu fuq ic-cellulari BlackBerry fejn kien mahzun. Irriżulta wkoll skont dan ir-rapport li l-appellant kien reġa biddel għall-mobile tiegħu BlackBerry kif irritorna lura fil-lukanda għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4:00am) u ċioe wara li Mifsud kienet diġa sfat maqtula.

- Relevanti wkoll huwa r-rapport tal-Perit Robert Musumeċi liema espert stabilixxa kemm ħadet tul ta' ħin il-vittma biex ssuq minn post għall-ieħor kif ukoll kemm wiehed jieħu tul ta' ħin biex jimxi minn Qalet Marku sa quddiem l-*Empire Cinema* fejn il-karrozza tal-kiri rrizultat ipparkeggjata u vojta minn Michael Micallef (li kien kera l-imsemmija vettura lill-appellant) fis-siegħa ta' filgħodu (1:00 am). Kien ikkalkolat ukoll l-ħin biex l-appellant isuq minn Buġibba sa Paceville, u dan biex jiġi stabbilit jekk kienx f'posizzjoni li jilhaq jikkommetti r-reat li biħ jinsab mixli tenut kont li huwa intlemah ic-*Champs Pastizzeria* San Giljan wara s-sagħtejn ta' filgħodu (2:00 am) bejn wieħed u ieħor u dan skont il-filmati tas-CCTV. Dan dejjem tenut kont tal-prova forensika li tohrog mir-rapporti tal-patoloġisti u ta' Dr.

Mario Scerri li l-vittma sfat maqtula xi ħin bejn nofs-il-lejl u t-tlieta ta' filgħodu.[22]

**Ikkunsidrat :**

**28. Illi maghmula dina l-esposizzjoni dettaljata tal-fatti ta' dan il-kaz u ezaminati bir-reqqa kull stqarrija rilaxxjat mill-appellant inkluz dik awdjo-viżiva, kif ukoll id-deposizzjoni fit-tul moghtija minnu matul il-ġuri, din il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi kopjuzi mressqa mill-prosekuzzjoni ma hemmx dubbju li l-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jaslu sabiex isibu ħtija fl-appellant ghall-unika akkuża kif miġjuba kontra tiegħu.**

**29.** Jibda' biex jingħad illi l-verżjoni tal-fatti kif spjegata mill-appellant, liema verzjoni ibiddel diversi drabi, hija wahda ghal kollox inverosimili u kontradittorja u dan fid-dawl tal-evidenza indizzjarja konsistenti fi provi tekniċi u forensiċi li jindikaw b'mod oggettiv l-involviment tiegħu fil-kommissjoni tad-delitt. Dan ghalkemm l-appellant jipprova jiġġustifika dawn ir-riżultanzi billi johloq stejjer li ma jitwemmnux. Inghad :

> **"Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not confused by the excitement of the moment. It is not absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its**

[22] Ara x-xhieda tiegħu kif traskritta a folio 336 u datata 24.10.15.

**value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953)[23].”**

**30**. Dawn il-provi ndizzjarji rakkolti b`reqqa mill-esperti fl-*in genere,* u ezaminati bis-sengha u bil-hila, fil-fatt huma xiehda silenzjuzi u li ma jigdbux, kif jipprova jaghmel l-appellant biex jezimi ruhu mir-reponsabbilta’ ghall-qtil ta’ omm uliedu. Mill-provi, fl-ewwel lok, jemergi illi r-relazzjoni bejn l-appellant u l-vittma ma kenitx waħda bbazata fuq imħabba u fuq rispett kif jipprova jagħti x’jifhem l-appellant, iżda kienet relazzjoni ta’ konvenjenza fejn il-vittma kienet accettat lura lil zewgha f’hajjitha fl-ahjar interess ta’ uliedha, izda dan b’riskju ghall-inkoluminita’ taghha minhabba il-karattru aggressiv u vjolenti tal-appellant.

**31.** Illi mbaghad l-provi tekniċi u forensici jillokalizzaw lill-appellant prattikament tul it-traġitt kollu li ħadet il-vittma mill-hin li telqet mid-dar taghha gewwa Birkirkara sal-mument qabel mewtha, prova li l-appellant f’dik il-lejla kien qieghed isewgi lil martu mill-mument li telqet mid-dar sal-hin li hija wasslet lil habiba taghha Astrid Bonnici lura Bugibba wara l-hdax ta’ bil-lejl (11:00 pm).

**32.** Illi fl-ewwel verzjoni moghtija minnu, l-appellant ma jindikax lill-pulizija li kien prezenti x-Xemxija f’dik il-lejla u kien biss meta kien rinfaccjat bir-rizultati teknici marbuta mal-lokalizzazzjoni tac-cellulari tieghu, beda jzid bicca ohra mal-istorja li kien holoq u vvinta sabiex jahrab mill-htija tieghu ghall-qtil ta` Margaret Mifsud. Kif lanqas tista` titwemmen l-istorja tieghu li f’dik il-lejla qaghad jittanta diversi nisa meta fl-istess nifs jipprova jaghti x’wiehed jifhem illi kien jirrispetta u jħobb lill-vittma. Jindika li kien flimkien

[23] www.unodc.org/documents/scientific/Crime_scene_awareness__Ebook.pdf - Crime scene and physical evidence awareness for non-forensic personnel - United Nations Office on drugs and crime (2009)

ma` Russa li madanakollu baqgħet qatt ma ġiet identifikata jew rintraċċjata ghalkemm setghet tikkonferma l-biċċa l-kbira tal-*alibi* tiegħu.

**33.** L-appellant huwa mgiddeb ukoll mis-senjalazzjoni tal-*wifi* minn fuq l-*Iphone* tiegħu li kien lokalizzat fl-inhawi tax-Xemxija sa ftit qabel id-disgha ta' filgħaxija (9:00 pm) li jaqbel bejn wieħed u ieħor mal-ħin meta l-vittma waslet ir-*restaurant 'Fortress'* fejn kellha tiltaqa' ma' shabha, u dan meta huwa stqarr li dak ic-cellulari ħallieħ fil-lukanda San Ġiljan. Mhux biss izda l-appellant jircievi telefonata minghand ħuħ għall-ħabta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija (9:30 pm) ukoll lokalizzata fl-inhawi tax-Xemxija viċin ħafna fejn kienet Mifsud dak il-mument. Din hija indikazzjoni wkoll li hu definittivament baqa' fl-inhawi tax-Xemxija għal mhux inqas minn tlett kwarti.

**34.** Din il-Qorti tqis bhala hrafa, u allura gidba, l-asserzjoni li ghamel l-appellant li huwa ltaqa` mal-vittma qabel it-tmienja ta' filgħaxija (8:00 pm) qrib id-dar ta` ommha wara li kien ċemplilha minn Birkirkara stess fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħaxija (7:45 pm) kif ukoll meta saħaq li kellhom relazzjoni ntima fil-karrozza tal-istess vittma. Kif hija hrafa ukoll l-allegazzjoni illi huwa qara l-aħħar messaġġ li Mifsud kienet bagħtitlu biss meta wasal Birkirkara fuq ic-cellulari Samsung u fil-preżenza ta' l-vittma. Dan ghaliex il-provi indizzjarji jwaqqghu lill-appellant f`gidba ghal kull asserzjoni li jaghmel. Ir-rapport tekniku redatt mill-espert Dr Steven Farrugia Sacco jqieghed lill-appellant qrib Birkirkara fil-hin ta' wara t-tmienja ta' fil-ghaxija (8:00pm) meta għamel *top up* fic-cellulari li kellu fuqu, senjatament is-Samsung, f'liema waqt skont l-appellant stess, Mifsud ma kenitx miegħu. Ghalhekk l-appellant ma seta` qatt iltaqa' mal-vittma qabel it-tmienja ta' filghaxija (8:00 pm) kif jallega hu meta kemm il-provi tekniċi, kif ukoll ix-xiehda ta' Astrid Bonnici u Teresa Mifsud, jindikaw illi l-vittma kienet telqet mid-dar fit-tmienja u ghaxra ta` filghaxija (8:10 pm) u baqghet sejra dritt ghand Astrid Bonnici gewwa Bugibba meta waslet

hemmhekk fit-tmienja u nofs (8:30 pm) u ċioe għoxrin minuta wara. Dan it-trapass ta' hin kien ikkonfermat mill-ezercizzju li ghamel l-Ispettur Investigattiv Keith Arnaud u PC9 fl-istadju investigattiv kif ukoll mill-Perit Robert Musumeci, l-espert mahtur fl-*in genere,* li ghamlu kalkolu approssimattiv ta` kemm wiehed jiehu sabiex jasal mid-dar ta' Mifsud sa quddiem l-*Empire Cinema* gewwa Bugibba fejn kienet tirrisjedi Bonnici. Sar kalkolu illi t-tragitt isir f'madwar tmintax (18) –il minuta meta tinzamm velocita` ta' bejn wiehed u iehor sitta u hamsin (56) kilometru fis-siegha fi triq bit-traffiku mexxej. *Di piu* mir-rapport tekniku rriżulta wkoll li l-messaġġ li kienet baghtet Mifsud inqara mill-appellant minn fuq ic-cellulari BlackBerry u mhux dak Samsung biex b'hekk dan il-fatt indizzjarju ukoll igiddeb lill-appellant meta jghid li l-messagg qrah quddiem Mifsud minn fuq ic-cellulari Samsung.

**35**. Ghal din il-Qorti huwa bil-wisq evidenti mill-provi illi l-vittma kellha biza' kbira mill-appellant. Dan tixhdu hi stess fil-messaggi u l-*emails* li kienet tibghat lil hbieb tal-qalb taghha, minn dak li tixhed ommha, xhud okulari ghal dak kollu li kienet ghaddejja minnu bintha minn taht idejn l-appellant. Mhux biss, izda anke l-ulied minuri tal-koppja, sfortunatament, kienu xhieda ta' incidenti ta' vjolenza min-naha tal-appellant. Din il-biza' fil-vittma jidher li kompliet tizdied wara l-incident tal-24 ta' Marzu 2012, u ċioe tlett ġimgħat qabel sfat maqtula, meta l-appellant wera dak li kellu f'mohhu li jaghmel meta bl-istess *modus operandi* jitla' fuq dahar Mifsud u jipprova jissoffokaha l-ewwel bl-uzu ta' subajgh u mbaghad b'qafla ma' ghonqha. Prova ta' dan hija Margaret Mifsud stess li tiddeskrivi hekk dan l-episodju fil-kitba taghha :

> **"Baqa' ighidli 'ejja ha nitkellmu', u beda jillidjani ghal kamra tas-salott. ... Baqa' jinsisti u jien bhas-soltu biex nevita l-argumenti bdejt miexja ghas-salott li bhala kamra hi mudlama hafna. Fetahli l-bieb u dhalt u hu dahal warajja. Ma xeghelx. Ghalaq il-bieb bic-cavetta u qalli biex impoggi fuq is-sufan u beda jimbuttani pero' mhux bil-herra. Jien poggejt u qalli, 'kif**

**tibda tispicca din.' .... Qalli dur. Jien ghedtlu biex ihallini ghax ghandi x'naghmel u rega qalli 'dur'. Jien biex nerga nevita il-friction u paroli dort u midni fuq is-sufan zaqqi 'il isfel u tela' fuq dahari. Imbaghad beda jaghfas nahseb b'2 swaba .... bdejt nipprova innehielu subajgh ghax beda jifgani u bdejt inhoss qisu ghoqda go grizmejja. Hu beda ighidli 'ghaliex qed tnehhieli jdejja? Tahseb li ma nistax jekk irrid?' .... Imbaghad irnexxieli innehielu jdejh minn ghonqi u fi split second minflok idejh hassejt qafla ma' ghonqi u beda jigbed lura u ighidli, 'Issa ghidli lil min taghzel lilek jew lit-tfal, lilek jew lit-tfal!' ....[24]"**

**36**. Illi l-appellant jipprova jaddossa r-responsabbilta` ghat-tifrik tar-relazzjoni tieghu ma' Mifsud fuq ommha Tereza, allegazzjoni ghal kollox inverosimili tenut kont tal-fatt li l-ġenituri tal-vittma laqghu lill-appellant gewwa darhom ghal darbtejn fejn l-omm ma kenitx tindahal bejn il-koppja ghalkemm jidher li l-atteggjament tieghu kien wiehed kemmxejn difficli.[25] Barra minn hekk, jidher ċar, mix-xiehda kemm ta' Teresa Mifsud izda ukoll ta' Astrid Bonnici li l-vittma kienet persuna riservata ħafna li kienet tqis kliemha u ma kinitx tiftaħ qalbha ma` kulħadd; jidher li omm il-vittma ftit kienet differenti minnha. Kien biss wara l-inċident tal-24 ta' Marzu 2012 li Margaret Mifsud fetħet qalbha ma' ommha dwar dak l-inċident, u kienet il-vittma li tat struzzjonijiet lill-ommha biex jekk tiltaqa' mal-appellant ma tkellmux.

**37.** Izda l-prova indizzjarja li tqieghed lill-appellant fuq ix-xena tad-delitt huma r-riżultanzi tal-ezamijiet tad-DNA li ghamlet l-espert serologista Marisa Cassar fejn irrizultat taħtlita tad-DNA tal-vittma u tal-appellant jew ta' persuna maskili mill-familja tal-appellant fuq '*tissue*' misjuba fil-vettura tal-vittma u li kien fiha d-demm tal-vittma. Mhux biss izda nstabet

[24] Dokument CF1 – fol.233

[25] Ix-xhud tirrakonta episodju meta l-appellant kien ġiegħel lil bintu Hayley tiekol il-laħam bil-forza allavolja ma riditx għax ma kinitx tħobbu u għax kienet il-Ġimgħa l-Kbira. Dan l-inċident kien ġie konfermat ukoll minn Hayley stess meta xehdet matul l-inkjesta fejn indikat biċ-ċar li Teresa Mifsud m'għamlet xejn biex tipproteġiha jew biex tindaħal f'dak il-waqt.

predominanza tad-DNA tal-appellant taħt id-dwiefer tal-vittma, u liema predominanza tista' tispjega ruhha biss f' kuntatt mal-vittma ftit qabel ma mietet, jew jekk dan il-kuntatt kien aktar kmieni l-vittma trid tkun għolliet idejha u ma misset assolutament xejn, fatt li gie stabbilit li ma sehhx meta f'dik il-lejla hija kienet ikkunsmat xi *fingerfoods* u allura kien hemm l-uzu tal-idejn li kien certament jikkontamina kwalunkwe presenza ta' DNA.

**38.** L-espert Marisa Cassar hija tal-fehma illi :

> **'fil-każ ta' n-*nail scrapings* kien ħareġ profil ġenetiku maskili, kien predominanti fuq dak ta' Margaret Mifsud, ħareġ predominanti u f'dan il-każ il-profil ġenetiku huwa speċifiku ta' Nizar Al Gadi....jiġifieri zgur kien hemm xi forma ta' kuntatt bejn Nizar Al Gadi u Margaret Mifsud...kien hemm ħafna aktar materjal taħt id-dwiefer ta' Nizar Al Gadi milli tagħha stess....meta tiħħandilja affarijiet kif id-DNA jekk ħadt b'idejn xi ħadd ġie DNA ta' xi ħadd m'idek inti jekk ħa tmiss ma xi ħaġa oħra dawn qed nitkellmu *cells*, dawn t*hey can be transferred from one thing to another...by touch*...U jekk haditlhom inti, inti tajthom ftit DNA minn tiegħu u huma taw ftit DNA lilek. Per eżempju jekk jiena mmiss il-mejda jiena nħalli d-DNA tiegħi hawnhekk .... issa jekk per eżempju, ejja ngħidu hekk, jiena missejt lil xi ħadd u qagħadt b'idejja hekk, dak ħa jibqa' hemmhekk, ha jdum sakemm naħsel idejja. Jekk jiena ħa nibqa' b'idejja hekk u ma mmiss xejn dak ser jibqa' hemmekk. Ħalli umbagħad jiġifieri jekk kif ser naħsilhom ħa jmur, imma jekk ser nibqa' ma niċċaqlaqx....jekk ma għamilt xejn, qagħadt hekk, ħa jibqa' hekk.'[26]**

**39.** Illi, kif inghad, mill-provi in atti jirrizulta illi matul dik il-lejla, l-ikel li gie ikkunsmat mill-vittma kien jikkonsisti f'*fingerfoods* u allura jirrizulta ippruvat li kellha kuntatt ma' oggetti ohra b'idejha. Dan ifisser illi l-appellant ma jistax jitwemmen meta jipprova ighid illi din il-predominanza ta' DNA tieghu taht difrejn il-vittma kienet giet minn kuntatt li allegatament jistqarr li kellu mal-vittma aktar kmieni fil-ghaxija qabel ma harget u dan ghaliex

[26] Folio 5, 22 u 23 mix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar.

il-presenza tad-DNA kienet wahda tant qawwija li l-espert setghet tasal serenament ghall-konkluzjoni li din necessarjament sabet ruhha fuq il-vittma ftit qabel ma sfat maqtula, ghaliex altrimenti li kieku saret qabel ma kenitx tkun wahda daqshekk b'sahhitha u kienet tigi kontaminata. Dan apparti l-provi indizzjarji l-ohra dwar il-hin meta Mifsud telqet mid-dar u waslet Bugibba, kif ukoll il-hinijiet li jemergu mic-cellulari tal-appellant, li jindikaw b'mod konklussiv illi dak li jallega hu li sehh fil-vettura ta' Mifsud hdejn ir-residenza taghha gewwa Birkirkara huwa ghal kollox inattendibbli.

**40**. Issa skont l-appellant dan ir-rapport għandu jiġi skartat anke minħabba l-fatt li l-espert ma qisitx id-DNA ta' ulied l-appellant u l-vittma li kienu jkunu regolarment fil-vettura in kwistjoni. Madankollu mill-ispjega li tat l-espert Marisa Cassar dan ma kienx ser ibiddel assolutament xejn minn dan ir-riżultat ta' predominanza ta' DNA appartenenti lill-appellant li skont ix-xhud kien iktar għoli minn dak tal-vittma stess. Illi mbaghad fir-rigward tat-*tissue* li l-appellant jallega li ntuzat minnu wara li qal li kellu rapporti intimi ma' Mifsud u ma' nisa ohra qabel ma ltaqa' maghha, u li kienet mizmuma mal-parti privata tieghu, l-espert tgiddbu meta tikkonkludi hekk :

> **"... fit-*tissue* kien hemm ammont kbir hafna ta' DNA ta' Margaret Mifsud. Kien jidher f'wahda mis-samples li ttiehdu li jista' jkun hemm DNA maskili ghaliex dehret *White Chromosone* u f'kazijiet bhal dawn imbaghad isir test iehor maghruf bhala YSTR cioe' test li jsir ghall-irgiel biss ghaliex in-nisa m'ghandhomx *White Chromosome*. F'dan il-kaz meta ghamilna dan it-test wkoll hareg il-profil mil-*Y chromosome* li kien hemm fit-*tissue*. *In the meantime* hriga wkoll il-*Y-chromosome* ta' Nizar Mustafa AL Gadi u qabilnihom flimkien u qablu. Pero' min dan it-test jiena ma nistax nghid li dak il-profil huwa ta' Nizar Mustafa Al Gadi biss ghaliex jekk per ezempju ghandu huh jew missieru dan ghandu l-istess *Y-chromosome* u ghalhekk johrog l-istess rizultat ...."**

Din il-konkluzjoni xxejjen ghal darb'ohra il-verzjoni tal-appellant. Kwindi lanqas ma jidher li l-ġurati kellhom xi raġuni fondata li setghet twassalhom biex jiskartaw ir-rapport, meta din il-prova determinanti ghall-kaz kienet tindika car u tond illi l-appellant kellu kuntatt qawwi mal-vittma fil-ħinijiet viċin il-mewt tagħha, u b'hekk mhux qabel it-tmienja (8:00 pm) kif qed jippostula hu.

**41**. Illi l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri mbaghad jixhet dawl fuq dik li kienet l-intenzjoni tal-aggressur fil-mumenti li pprecedew id-decess tal-vittma. Dan ghaliex l-appellant ghalkemm isostni illi huwa ma kienx fuq ix-xena tar-reat, madanakollu issa fi stadju ta' appell iqanqal difiza alternattiva meta ighid li fl-aghar ipotesi tista' tinstab htija ghar-reat tal-omicidju involontarju u dan meta huwa seta' ikkagunalha l-mewt waqt li kienu f'sitwazzjoni intima u nkonxjament telgha fuq sidirha bi pressjoni iktar milli jmiss waqt li kienu involuti f'sess orali. L-espert madanakollu jeskudi din l-evenjenza kategorikament u dan meta ighid li (1) l-aggressur kellu intenzjoni ċara meta tela' fuq sider il-vittma li joqtolha bil-mod li sfat maqtula u dan peress li seta' jinduna li l-vittma kien qed ikollha diffikulta` biex tieħu n-nifs u (2) il-kawża tal-mewt kienet *traumatic asphyxia* u ċioe il-pressjoni qawwija li l-aggressur għamel volutament u konxjament fuq sider il-vittma biex ma tkunx tista tieħu nifs u minħabba l-ebda raġuni oħra.[27] B'din il-pressjoni qawwija fuq il-kaxxa ta' sider il-vittma kien impossibli illi l-pulmun jespandi biex hija tkun tista` tiehu n-nifs. Mhux biss izda wara li l-agressjoni wasslet ghad-decess tal-vittma li fil-mument tal-mewt kienet f'posizzjoni mimduda fuq is-sedil tal-vettura, l-aggressur taghha pogga is-sedil lura f'posizzjoni eretta biex il-vittma spiccat bilqieghda, u dan biex jostor l-att omicida u l-mewt tidher li tkun sehhet b'mod naturali. Infatti jgħid testwalment :

[27] Folio 776 tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datata d-29 ta' Ottubru 2015.

**"Il-mekkaniżmu tal-mewt ta' Margaret Mifsud kien pinning ta' c-chest wall waqt li din kienet minduda fuq is-seat bid-dahar reclined, billi l-agressur tagħha tela' bilqiegda fuq sidirha, li ġie pinned ma d-dar ta' s-seat b'impediment sfurzat ta' espansjoni tas-sider. Definittivament dan huwa każ ta' omiċijdu u l-kawża ta' l-mewt ta' Margaret Mifsud kien *cardio respiratory failure secondary to traumatic asphyxia*.... jekk kienx aċċident ma jistax ikun aċċident il-għaliex jekk bniedem poġġa fuq sidrek ħa turi li din qed taqta' nifisha, allura bniedem ta' rieda tajba ser jinżel minn fuq sidrek, il-fatt illi baqa' bilqieghda, il-mekkaniżmu li xi ħadd poġġa fuq sidirha, issa jekk hux dan jekk hux l-ieħor – xi ħadd poġġa fuq sidirha. U ovvjament xi hadd li kien fdat minn Margaret poġġa fuq sidirha. .... Pero hu ċertament irriżulta li ma kellux skopijiet romantiċi il għaliex kellu ċ-ċans kollu jinżel minn fuq sidirha. Hu min hu, mhux qed ngħidlek dak jew l-ieħor, tifhimnix ħazin ta'. Hu min hu. Nassumi din kellha skartatura u ppermettiet illi raġel jitla' fuq sidirha, li kieku dan ir-raġel kellu l-iskop illi jeżerċita dak il-ħobby li qed tgħid inti, skopijiet romantiċi, jinduna li dan ser jagħmilha l-ħsara u ser jinżel minn fuq sidirha. Pero' mhux talli ma niżilx, talli ppinjha, mhux talli ppinjha talli umbagħad biddel il-posizzjoni. Din ma telgħatx waħedha.[28]**

**42**. Minn din il-konkluzjoni forensika huwa evidenti li l-aggressur kellu l-intenzjoni li joqtol jew tal-inqas li jipperikola l-ħajja tal-vittma Mifsud, tant illi wara, kif inghad, biddel ukoll il-posizzjoni tal-kadavru minn wahda mimduda ghal dik bilqieghda biex jagħti mpressjoni ta' mewta naturali u liema ċirkostanza tirriżulta bil-mod kif id-demm fuq wiċċ il-vittma kien ċarċar u nixef minn imnehirha fid-direzzjoni 'il fuq lejn l-ghajnejn, kif ukoll dwar il-konsistenza tal-istess dmija, skont kif spjega l-istess espert. Li kieku l-aggressur ma kellux l-intenzjoni li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-vittma tieghu f'periklu car kien jiddesisti mill-azzjonijiet tieghu hekk kif jinduna li l-vittma kienet qed tbati biex tiehu n-nifs.

[28] Ara folio 794 u 796 mix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri matul il-ġuri.

**43.** Finalment ma hemmx dubbju illi meta gew ikkalkolati l-ħinijiet tat-traġitti li seħħew kemm mill-vittma kif ukoll mill-appellant, fid-dawl ukoll tal-filmati tas-CCTV li nġabru u li poġġew lill-appellant fl-istabbiliment ta' *Champs Pastizzeria* gewwa San Giljan fil-ħin tas-sagħtejn u għaxar minuti ta' filghodu (2:10am), u dan meta gie stabbilit illi l-vettura li hu kien kera kienet dehret ipparkeggjata quddiem l-Empire Cinema fis-siegħa ta' filgħodu (1:00am), il-kalkolu magħmul ma jeskludiex li l-appellant kellu ħin biżżejjed biex jikkommetti d-delitt ghaliex kien hemm hin bizzejjed mill-esperiment kondott mill-espert Perit Robert Musumeci u l-Ispettur Keith Arnaud fejn l-appellant li kien bniedem ta' certu agilita` u b'passat ta' tahrig militari seta' sahansitra anke ghamel it-triq bil-mixi minn Qalet Marku sa Bugibba fejn kienet ipparkeggjata l-vettura u mbaghad erhilha lejn San Giljan minn hemmhekk :

> **"Brisk walk minn fuq ix-xena tad-delitt jigifieri f'Dahlet Qalet Marku f'Bahar ic-Caghaq sa Bugibba quddiem l-Empire Cinema .... id-distanza tammonta ghal 5.25 kilometri domt tmienja u sittin (68) minuta u allura meta wiehed jaghmel il-kalkolu l-velocita kienet cirka 4.64 kilometru fis-siegha. ...**
>
> **Drive ohra minn quddiem l-Empire Cinema go Bugibba sa San Giljan ezattament sa quddiem ic-Champ Pastizzeria fi Triq San Giljan ... din id-drive hadet hdax-il (11) minuta, il-vettura hemm il-velocita din id-darba varjat bejn 64 u 80 kilometri fis-siegha ..."**

Biex b'hekk allura jikkombacja il-hin li fih jidher l-appellant fuq il-filmati tac-CCTV migbuda hdejn ic-*Champs Pastizzeria* fejn allura kien possibbli li jkun hemm sas-saghtejn ta' fil-ghodu (2:00 am) wara li ikkommetta d-delitt.

**44**. Illi fil-fatt mir-rapport tal-espert Dr.Mario Scerri u l-espert Stuart Black temergi prova ohra li tipponta lejn ix-xenarju fejn l-appellant jiltaqa' ma' Mifsud go Bugibba, u mbaghad isuqu lejn Bahar ic-Caghaq fis-sit fejn jigi

kommess l-omicidju. Din il-prova tindika illi kemm il-vittma kif ukoll l-aggressur taghha fl-ebda hin ma hargu mill-vettura wara li waslu fuq ix-xena tar-reat. Dan emerga minn ezami tat-trab li kien hemm fuq iz-zarbun tal-vittma u fil-vettura stess. Ighid hekk l-espert fir-rapport tieghu:

> **"Illi l-qiegh ta' dawn iz-zraben kienu nodfa u minghajr evidenza ta' trab minn fuq il-*locus*, indikazzjoni li l-Avukatessa ma hargitx minn gol-karozza.**
>
> **Illi anke il-qiegh tas-saqajn kienu ndaf, indikazzjoni cara li l-Avukatessa ma setghatx harget minn gol-karozza hafja minghajr ma kienet liebsa zarbun;**
>
> **Illi huwa evidenti illi Margaret Mifsud giet maqtula fil-karozza taghha u fuq il-*locus* fejn instabet. Dan jindikah il-fatt illi l-kadavru nstab fuq is-seat tieghu u ma kienx hemm evidenza forensika li dan setgha tpogga fil-karozza;**
>
> **Illi barra l-karozza li hu predominat mit-trab ma kienx hemm indikazzjonijiet li kien hemm xi kommossjoni li wiehed isib waqt trasferiment ta' kadavru fuq *locus*.**
>
> **Illi jirrizulta mill-analizi dettaljati li ghamel l-Professur Black illi t-trab li kien hemm fuq it-tapit tan-naha tal-passiggier ma originax minn barra l-karozza, ndikazzjoni illi l-aggressur ta' Margaret Mifsud gie rikeb maghha fil-karozza.**
>
> **Illi jidher ukoll mill-analizi tal-istess Professur Black illi l-karozza tal-allegat aggressur li kien qieghed jigi investigat mill-pulizija in konnessjoni dwar il-mewt tal-Avukatessa ma wrietx evidenza forensika li din kienet fuq il-*locus* fejn instab il-katavru.**
>
> **Illi rrizulta wkoll mill-ezamijiet li saru mill-imsemmi espert Professur Black li fuq il-hwejjeg li gew mghoddija lill-esponent u li allegatament jappartjenu lill-allegat aggressur li kien qieghed jigi nvestigat, ma rrizultax li kien hemm trasferiment ta' materjal minn fuq il-*locus* fejn instab il-katavru ghal fuq dawn il-hwejjeg."**

**45.** Meta allura dawn il-provi ndizzjarji jigu abbinati flimkien tirrizulta l-*mens rea* ta' l-appellant li kien intenzjonat jispicca dak li kien beda lura fl-

24 ta’ Marzu 2012, u cioe’ tlett gimghat qabel. Fil-fatt sahansitra kera karozza ghal gurnata wahda biss u cioe’ ghall-jum meta sehh l-omicidju sabiex ikun jista’ isegwi l-passi ta’ Mifsud f’dik il-lejla meta sar jaf illi kienet hierga ma’ shabha. Mhux biss izda sahansitra wara wettaq id-delitt huwa rema`z-zarbun li kien liebes u mar xtara wiehed gdid minn Bugibba qabel kellmuh il-pulizija.

**46. Ghalhekk din il-Qorti fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi processwali, mibnija fil-maggior parti taghhom fuq provi indizzjarji b`sahhithom li jghaqqdu il-holoq ta’ katina wahda mal-ohra, ma tistax hlief tasal ghall-istess konkluzjoni ta’ htija li waslu ghaliha l-gurati. Dan ghaliex l-appellant fil-verzjoni tieghu tal-fatti ma jirnexxielux ikisser din il-katina ta’ evidenza tant qawwija, u dan sal-grad mehtieg minnu fil-kamp penali.**

**47. Konsegwentement din il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha imqanqla mill-appellant marbuta mal-mertu.**

**Ikkunsidrat :**

**48**. Illi stabbilit li l-gurati setghu jaslu ghal verdett ta’ htija, din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra imqanqla mill-appellant marbuta mal-indirizz li sar mill-Imhallef li ppresjeda l-guri. Madanakollu fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u billi l-appellant jallega illi sehhet irregolarita’ gravi waqt il-guri tant illi dan il-process fil-fehma tieghu ghandu isir mill-gdid, il-Qorti sejra tindirizza dawn il-lanjanzi ta’ natura procedurali sabiex ma jkun hemm l-ebda ombra ta’ dubbju dwar id-dikjarazzjoni ta’ htija.

**49**. Ibda biex l-appellant jilmenta illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma spjegax sewwa lill-gurati d-difizi alternattivi tieghu. Issa gie stabbilit illi l-appellant ma seta' qatt jigi misjub hati tar-reat tal-omicidju nvolontarju ghar-ragunijiet li kienu mfissra aktar kmieni billi l-mod kif il-vittma sfat maqtula kien juri li kien hemm il-premeditazzjoni.

**50**. Madanakollu minn qari kemm tal-arringa tal-appellant kif ukoll tal-kontro-replika tieghu jidher ċar illi l-difiża mressqa quddiem il-gurati kienet mibnija unikament fuq l-argument li l-appellant ma seta' qatt jinsab hati tal-qtil ta' martu ghaliex ma kienx preżenti fuq ix-xena tad-delitt. Fl-ebda ħin ma jagħti x'jifhem li kien qiegħed jipprospetta argumenti difensjonali alternattivi għal dan. Huwa minnu li f'mument waqt l-arringa tiegħu, id-difensur tal-appellant jaċċenna għall-fatt li, fil-fehma tieghu, xorta waħda ċ-ċirkostanzi li fihom mietet il-vittma ma kienux indikattivi tal-*mens rea* mehtieg ghar-reat tal-omiċidju volontarju. Jaghmel referenza partikolari għax-xiehda ta' l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri li esprima fehma li x'aktarx il-vittma setgħet kienet involuta f'sess orali qabel mewtha. Madankollu l-appellant jibqa' jinsisti u jenfasizza li ma kienx qed jippostula dan l-argument bħala wieħed alternattiv għas-sottomissjoni maghmula minnu li hu ma kienx preżenti fuq il-post u li *ergo* ma kienx hu li kkometta r-reat.[29]

**51**. Huwa evidenti allura li din kienet l-unika linja difensjonali tal-appellant. Fil-fatt anke fid-deposizzjoni tiegħu matul il-ġuri jishaq u jibqa' jinsisti li l-aħħar kuntatt li kellu mal-vittma kien qabel it-tmienja ta' filgħaxija (8:00 pm) dakinhar tat-18 ta' April 2012. Illi l-indirizz ghalhekk kien limitat għal

[29] Ara folio 348, 352 u 353 tat-tieni volum tat-traskrizzjonijiet tal-ġuri meħudin mill-arringa tad-difiża. Ara wkoll folio 419 u 421 tal-traskrizzjonijiet tal-ġuri meħudin mill-kontro replika tad-difiża fejn għal darb'ohra jisħaqq dwar l-unika linja difensjonali tiegħu.

din id-difiza unika, u allura ma jistax jinghad li kien hemm xi nuqqas milli jigu mfissra lill-gurati xi difizi alternattivi billi dawn ma kienux jezistu. Mhux biss izda l-ispjegazzjoni li jaghti l-Imħallef tal-argumentazzjonijiet difensjonali huma ddettaljati ħafna u din il-Qorti ma tista' issib propju xejn x'ticcensura fihom.[30]

**52.** Mhux biss izda lill-gurati kiuenu spjegati l-elementi ta' dritt tad-delitt tal-omiċidju volontarju. Kien imfisser lilhom dak li jikkostitwixxi l-att materjali kif ukoll l-element intenzjonali u dan indipendentement mill-fatt li l-appellant qatt ma saħaq fuq in-nuqqas tal-*mens rea* min-naha tieghu li jtemm il-ħajja tal-vittma peress li nsista li huwa qatt ma kkommetta l-att.

**53.** Dan b'mod specjali jixhdu 's-*sample verdict*' ipprezentat lill-gurati fi tmiem l-indirizz li kien jirrefletti biss ir-reat uniku ta' l-omiċidju volontarju b'ebda konsiderazzjoni ghal reati kompriżi u nvoluti jew alternattivi għal dak tad-delitt ta' natura volontarja, ma' liema '*sample verdict*' d-difiza kienet konkordi tant illi anke kien iffirmat mid-difensur tal-appellant. Dan necessarjament kien ifisser illi ghall-bank tad-difiza, kif ukoll ghal Prosekuzzjoni, is-*sample verdict* kien aċċettat bħala korrett u li fuqu setghu jimxu l-gurati meta jigu ghall-verdett taghhom. Illi allura l-appellant ma ghandux ragun fl-aggravju minnu intentat illi l-Ewwel Qorti naqset milli tirreferi għad-difiżi alternattivi tiegħu fl-indirizz finali.

**54. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.**

**55.** Illi l-appellant jikkritika ukoll l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri meta jikkontendi illi dan naqas milli jfiehem lill-ġurati l-import tal-artikoli

[30] Folio 514 tat-tieni volum tat-traskrizzjonijiet tal-ġuri meħudin mill-Indirizz tal-Imħallef.

467(4), 601, 465 u 475 tal-Kodici Kriminali kif kien fl-obbligu tieghu li jaghmel. Mhux biss izda jghid li meta l-Imhallef talab lill-ġurati jikkoreġuħ fir-rikapitulazzjoni tal-fatti huwa ħoloq konfużjoni u rregolarita' fil-proċedura. Jishaq illi fil-kors tal-indirizz tiegħu l-Imħallef kien qed jagħmel ċerta mistoqsijiet li setgħu ndikaw lill-gurati liema direzzjoni kellhom jiehdu biex jaslu ghall-verdett. Igħid ukoll illi kien hemm zbalji dwar il-fatti kif esposti fir-replika tal-prosekuzzjoni li l-Qorti qatt ma kkoreġiet.

**56**. Finalment l-appellant jisħaq illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri heles lill-ġurati qabel iż-żmien opportun meta qalilhom li kienu ser ikunu ezentati milli iservu bhala gurati sas-sena 2018 u dan qabel ma dahlu jiddeliberaw sabiex b'hekk huma spiccaw ħarġu bil-verdett tagħhom f'ħin qasir ħafna u ċioe fi żmien tlett (3) siegħat, ghalkemm il-ġuri baqa` għaddej għal sbatax-il jum.

**Ikkunsidrat :**

**57**. Illi l-artikolu 467(4) tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar il-fakolta` tal-ġuri li jsibu ħtija ta' reati anqas gravi minn dak indikat fl-Att tal-Akkuza jew tat-tentattiv tar-reat li jkun, jew billi jeskludu l-aggravanti, basta li dawn ikunu komprizi u nvoluti fir-reat addebitat lill-akkuzat. Illi din il-lanjanza hija marbuta mal-aggravju ventilat u li diga` gie trattat dwar is-sejbien ta' htija ghar-reat inqas gravi tal-omicidju involontarju, liema aggravju kien michud ghar-ragunijiet fuq spjegati. Ghalhekk a skans ta' repetizzjoni, ladarba kif diga' inghad l-appellant f'ebda stadju matul il-guri ma indika lill-qorti jew lill-gurija illi setghet tinsab htija ghal reat alternattiv jew anqas gravi, u billi ukoll anke jekk dan kien il-kaz ir-reat tal-omicidju involontarju ma setax jikkonfigura mal-fattispecje tal-kaz, dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Il-Qorti Kriminali fl-ebda mod ma naqset mill-obbligi tagħha meta

m'għamlitx referenza għal din id-disposizzjoni tal-ligi u għall-fakolta` tal-ġuri li jsibu ħtija ghal xi reat inqas gravi meta din id-difiza alternattiva ma kenitx tressqet, u meta mill-provi kien evidenti illi dan ir-reat anqas gravi ma seta' qatt jikkonfigura.

**58**. L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-artikolu 475 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar l-fakolta` tal-Qorti jew tal-ġuri li jsibu lill-appellant ħati ta' xi skużanti li jkun irriżulta mill-provi jew minħabba raġunijiet sollevati mid-difiża. Tenut kont dejjem tal-fatt li l-argument difensjonali kien ibbażat biss fuq in-nuqqas ta' presenza tal-appellant fuq ix-xena tad-delitt ma kien hemm l-ebda raġuni mogħtija mid-difiża li setgħet tagħti lok għall-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni u lanqas il-provi kif tressqu ma taw lok għal xenarji alternattivi jew skużanti. L-Imhallef li ppresjeda l-guri ma kellux ghalfejn jaghmel id-dikjarazzjoni barranija li titkellem dwarha il-ligi dwar xi reat alternattiv u inqas gravi u mhux indikat mill-partijiet. Dak li nghad minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Albert Ellul** jispjana din il-lanjanza :

> **"Bhalma l-Imhallef li jippresjedi guri mhuwiex marbut li jsemmi u jirreferi ghal kull sottomissjoni li tkun saret mill-partijiet, hekk ukoll mhuwiex marbut li jsemmi biss u unikament dak li rreferew ghalih il-partijiet. Naturalment fejn tezisti sitwazzjoni li d-difiza tkun qed tammetti li jkun sar att partikolari, viz. omicidju volontarju, u s-sottomissjonijiet jirrigwardaw biss jekk hix applikabbli xi skuzanti u f'dak il-kaz liema skuzanti hi applikabbli fic-cirkostanzi, jista' jinghad li huwa inutili li fl-indirizz joqoghdu jissemmew alternattivi ohra li effettivament jistghu joholqu konfuzjoni f'mohh il-gurati. Il-fatt li jissemmew pero` ma jikkostitwix irregolarita`."**

Kien deciz ukoll :

**"Kwantu għall-fatt li fis-sample verdict ma ġietx inserita l-opzjoni ta' l-offiża gravissima, jirriżulta li tul is-smiegħ tal-provi u waqt it-trattazzjonijiet dettaljatissimi ta' l-abbli prosekutriċi u ta' l-abbli difensur, dan il-punt qatt ma tqajjem u qatt ma ġie dibattut. Id-difiża minn dejjem aċċettat u insistiet li dan kien każ ta' offiża gravi. Il-prosekutur insistiet li l-appellant Cefai kellu jinstab ħati skont kif akkużat fl-Ewwel Kap. Fir-rekwiżitorja, saret referenza għad-distinzjoni bejn offiża gravi u offiża gravissima biss in konnessjoni mat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Huwa veru illi l-offiża gravissima hija kompriża u involuta fit-tentattiv ta' omiċidju bħalma hija l-offiża gravi. Huwa veru wkoll illi l-liġi titkellem biss dwar offiża gravi u d-distinzjoni bejn il-gravi u l-gravissima toħroġ mill-pieni applikabbli għaċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali rispettivament. Iżda a bażi ta' dak kollu li kien sar u l-provi li nstemgħu waqt il-ġuri, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kellu kull dritt jiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni. Difatti fl-ebda istanza ma ndikat il-prosekuzzjoni illi l-offiża li ġarrab Joseph Portelli f'idu kellha titqies bħala waħda ta' natura gravissima.[31]"**

**59**. L-artikolu 601 tal-Kodici Kriminali, imbaghad, ighid illi l-ebda akkużat ma jista' jinstab ħati ta' reat mhux ippostulat fl-Att tal-Akkuża jew li ma jkunx kompriż u nvolut fir-reat jew ir-reati moghtija fl-Att tal-Akkuża fit-termini tal-artikolu 467. Issa tenut kont li l-Att tal-Akkuza f'dan il-kaz kien jipprospetta reat wiehed biss u cioe' dak tal-omicidju volontarju u tenut kont ukoll tal-fatt illi la mill-provi u lanqas mill-argumenti difensjonali ma kienu jemergu xi reati alternattivi jew reati anqas serji mill-unika akkuża kif miġjuba ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti kellha tidħol fil-mertu ta' din id-disposizzjoni tal-ligi u tispjega l-istess lill-ġurati, bil-konsegwenza illi setghet tinholoq konfużjoni f'mohhom.

**60.** Finalment l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali jirreferi għall-kontenut tal-indirizz tal-imħallef u l-ghan li jrid jilhaq. Jispjega dak li huwa mistenni

[31] Ir-Repubblika ta' Malta vs Pasqualino Cefai deciza 08 ta' Ottubru 2015

mill-imħallef sedenti fil-guri li ghandu jispjega bl-aħjar mod lill-ġurati l-kompitu tagħhom kif ukoll jagħtihom taqsira tal-fatti u jagħmel kwalunkwe osservazzjonijiet li jidhirlu li għandu jagħmel sabiex jassisti lill-ġurija halli tagħmel xogħolha sew matul id-deliberazzjoni tagħha. Issa fil-fehma tal-Qorti, wara eżami akkurat tal-indirizz kollu, fl-ebda mod ma rrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri naqas milli josserva d-dettami ta' dan l-artikolu tal-ligi. Fil-fatt spjega ben tajjeb kull punt relevanti li kellu jinġieb a konjizzjoni tal-ġurati.

> **"Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u *del resto* tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra.**[32]"

**61.** Spjanati kwindi d-disposizzjoni tal-ligi li l-appellant jidhirlu li ma gewx ben indirrizati mill-Imhallef u michuda l-aggravji marbuta mal-istess jinghad finalment illi l-allegazzjoni maghmula minnu dwar irregolarita' fil-proceduri u dan meta l-Imhallef fisser lill-gurati sabiex ma jistriehux fuqu ghar-rigward tal-esposizzjoni minnu maghmula tal-fatti tal-kaz tirrażenta l-fieragħ. Dan ghaliex huwa id-dmir ta' kull imhallef li jippresjedi guri illi jenfasizza ripetutament mal-gurati illi ghal dak li jirrigwarda l-fatti tal-kaz huma ma jistghux jistriehu fuq l-esposizzjoni tal-fatti maghmula minnu izda l-gudizzju taghhom irid ikun wiehed indipendenti u mparzjali minn kull influwenza barranija inkluz allura dak tal-imhallef sedenti. Minn qari tal-indirizz jemergi illi l-Imhallef korrettement spjega lill-gurati il-kompitu

[32] Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili App.Sup. 19/06/2008 (16/2004)

taghhom bhala mħallfin tal-fatt fejn allura jinkombi fuqhom biss l-evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz ghalkemm huwa fid-dmir li jaghmel taqsira tal-provi kollha migjuba u dan fit-termini tal-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa id-dmir tal-imhallef li jippresjedi l-guri li jispjega car u tond lill-gurati ir-rwol tieghu bħala imħallef tal-liġi u tagħhom bħala imħallfin tal-fatt fejn hu ma jistax jindaħal fl-interpretazzjoni li huma jagħtu tal-provi kif miġjuba.

**62.** Bl-istess mod jirrażenta l-fieragħ l-ilment li qajjem l-appellant li bil-fatt li l-Imhallef ħeles lill-ġurati qabel iż-żmien opportun meta nfurmahom li kienu ser ikunu meħlusin mis-servizz tal-ġuri sas-sena 2018 seta' kellu xi influwenza fuq id-deliberazzjoni taghhom u finalment il-verdett. Din il-Qorti hija tal-fehma li b'tali dikjarazzjoni, l-Imħallef f'dak l-istadju bl-ebda mod ma rrilaxxja lill-ġurati mill-obbligi tagħhom ghall-fini tad-deliberazzjoni dwar il-ġuri li huma kienu qed jippresjedu flimkien mieghu, liema deliberazzjoni kienet ser tinbeda ftit mumenti wara dan l-aċċenn u li fil-fatt saret skont il-liġi mingħajr diffikultajiet fil-kors tagħha, tant illi kif inghad il-gurati hargu b'verdett li jaghmel gustizzja u b'vot kwazi unanimu ta' htija. *Di piu*, ma hemm l-ebda disposizzjoni ta' dritt li tirregola l-mument meta ssir l-esenzjoni imsemmija, liema esenzjoni kif inghad qatt ma tista' tissarraf f'xi influwenza ndebita fuq il-konsiderazzjonijiet tal-imhallfin tal-fatt ghaliex, kif inghad, mhijiex marbuta mal-fattispecje partikolari tal-kaz.

**63.** L-ahhar minn fost sensiela ta' lmenti li ressaq l-appellant huwa l-oggezzjoni tieghu ghal ċerta mistoqsijiet li l-Qorti poggiet għall-konsiderazzjoni tal-gurati fejn b'dawn il-mistoqsijiet dehrlu li kienet qed issir influwenza indebita. Jingħad minnufih illi l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali jaghti lill-imhallef il-jedd li jagħmel kwalunkwe osservazzjoni li jidhirlu xieraq mingħajr ma jiggwida lill-ġurija f'jekk għandhomx isibu ħtija jew le imma sabiex jgħinhom jaqdu dmirhom kif jixraq għal ġieħ il-ħaqq.

L-indirizz ghandu jinqara fl-intier tieghu. M`ghandux jigi spezzettat sabiex l-appellant jipprova jaqbad ma` xi parti minnu minghajr ma jittiehed in konsiderazzjoni l-kwadru kollu li fih ikun inghad id-diskors oggezzjonabbli ghalih. Issa jinghad illi l-mistoqsija li saret referenza għaliha mill-appellant tirreferi għall-parti tal-indirizz fejn il-Qorti Kriminali kienet qed tirreferi għall-argumenti mqajma mill-Prosekuzzjoni matul ir-replika tagħha, u fil-fatt b'referenza għal din ir-replika, l-Imħallef fil-waqt ta' din l-ispjega ccita *verbatim* il-mistoqsija ppostulata mill-prosekutur matul ir-replika tiegħu fost l-argumenti l-oħra li l-prosekuzzjoni pprospettat sabiex tikkonvinċi lill-ġurati li jilqghu t-teżi tagħha, u cioe' l-mistoqsija dwar jekk ghandhomx jemmnu lilu jew lil Dr. Marisa Cassar. Kwindi l-Qorti Kriminali sempliċiment irriproduċiet din il-mistoqsija sabiex tirreferi għall-argumenti li l-prosekuzzjoni kienet qed tqajjem fil-konklużjonijiet tagħha bil-ghan li tfisser lilhom l-argumenti imqanqla mill-prosekuzzjoni. Bl-ebda mod l-Imhallef ma kien qed iqanqal din il-mistoqsija huwa stess.[33]

**64. Konsegwentement anki dawn l-aggravju marbuta mal-indirizz finali qed jiġu miċħuda minn din il-Qorti.**

**65.** L-appellant jilmenta ukoll mill-fatt illi l-Qorti Kriminali naqset milli tikkoreġi żbalji dwar xi fatti kif esposti fir-replika tal-prosekuzzjoni. Issa din l-oggezzjoni ma tista' qatt twassal ghal irregolarita` fl-indirizz billi kif inghad l-artikolu 465 ipoggi l-obbligu fuq l-imhallef li jippresjedi l-guri li fl-indirizz finali jaghmel hu stess taqsira tal-fatti u tal-provi. Dan ifisser allura illi jekk fl-esposizzjoni tal-fatti l-prosekuzzjoni indikat erronjament xi fatti tal-kaz kien l-indirizz finali li ghamel l-ahhar *resume'* ta' dawn il-fatti. Illi l-ġurati li huma l-imħallfin tal-fatt ma joqghodux fuq il-fatti kif esposti mill-

[33] Ara folio 363 mir-replika tal-prosekuzzjoni fejn il-mistoqsija li dwarha l-appellant qed jilmenta tinstab verbatim hemmhekk filwaqt li l-Qorti Kriminali sempliċiment irriproduċiet din il-mistoqsija matul l-ispjega tal-argumenti tal-prosekuzzjoni fil-kors tal-indirizz tagħha.

partijiet u lanqas mill-Imhallef stess fl-indirizz ghaliex dan il-gudizzju jispetta lilhom biss kif il-Qorti tiggwidhom ripetutament. Allura dak li jintqal lilhom dwar il-fatti fir-replika, fl-arringa jew fl-indirizz ma humiex xi fatti ppruvati billi l-gurati jistghu jistriehu biss fuq il-provi kif prodotti u debitament reġistrati quddiemhom, tant illi jkollhom ghad-disposizzjoni taghhom matul id-deliberazzjoni l-atti kollha tal-kaz.

**66. Kwindi anki dan l-ilment huwa ghal kollox infondat.**

**67.** Finalment lanqas ma ghandu ragun l-appellant jilmenta fir-rigward tal-ħin li l-ġurati ħadu sabiex jiddeliberaw li fil-fehma tal-appellant kien wieħed qasir hafna. Dan ghaliex ma hemm assolutament ebda regola dwar il-hin li fih il-gurati ghandhom jaslu ghad-decizjoni taghhom. Il-gudizzju finali ghandu jithalla fl-arbitrju liberu tal-gurati li ma jistghux jigu imxekkla b'ebda regola dwar hin sabiex jaslu ghal verdett. Illi jinghad biss illi l-Qorti ma issib xejn oggezzjonabbli f'dan il-kaz dwar il-hin li damet id-deliberazzjoni tenut kont tal-provi skjaccanti li kienu jippuntaw car fid-direzzjoni tar-reita, kif kien spjegat aktar kmieni.

**68. Konsegwentment anki l-aggravju qed jiġi miċħud fit-totalita' tiegħu.**

**Ikkunsidrat :**

**69.** Illi jifdal finalment biex jigi trattat l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti li jittratta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-għomor il-ħabs, b'ħames perijodu ta' reklużjoni u l-ħlas ta' spejjeż

peritali fl-ammont ta' sbatax-il elf sitt mija u erbgħa u sittin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€17,664.44). L-appellant iqis illi l-piena mposta fuqu hija waħda eċċessiva. Inoltre l-appellant qed jitlob ukoll il-klemenza tal-Qorti anki għal dak li jirrigwarda l-ispejjez peritali kif imposti fuqu apparti l-piena karċerarja nnfisha.

**70**. Illi dwar il-*quantum* tal-piena kif imposta, din il-Qorti trid tqis il-fatt li l-appellant huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. *Di piu'* l-Ewwel Qorti kellha necessarjament iggib fis-sehh sentenza sospiza moghtija fil-konfront tiegħu u dan meta instab ħati li kkometta dan id-delitt fil-perijodu operattiv tal-imsemmija sentenza. Qieset ukoll il-mod makabru kif kien kommess id-delitt fejn il-vittma Margaret Mifsud mietet mewta ta' tbatija konsiderevoli meta ghamlet hin twil tissielet għall-ħajjitha inutilment. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-appellant għoġbu jieħu l-ħajja ta' omm uliedu stess li kien għad kellhom eta' tenera meta d-delitt ġie kommess bil-konsegwenza illi mhux biss temm il-hajja ta' omm zaghzugha, izda gieghel lil uliedu ighaddu minn trawma li ghadha thalli l-effetti taghha sal-lum.

**71**. Illi dan kien kaz klassiku ta' vjolenza domestika li sfortunatament spicca bil-mewt tal-mara, li kienet vittma ta' abbuzi u manipulazzjoni min-naha tar-ragel li ma riedx jaccetta l-fatt illi huwa ma setax jiddomina l-hajja ta' uliedu u ta' omm uliedu aktar. Il-Qorti lanqas ma' tista' tinjora l-fatt li l-verdett kien kwazi wieħed unanimu b'dan li allura l-piena ghandha tirrifletti id-decizjoni tal-gurati.

**72**. Finalment għal dak li jirrigwarda l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez peritali, l-Ewwel Qorti segwiet id-dettami tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali li hija mandatorja fuq il-qorti u li ma taghtix il-fakolta ta' tnaqqis

ta' dawn l-ispejjez. Dan ifisser illi ma jistax ikun hemm lok ghal temperament fl-ammont tal-ispejjez li ghandhom jithallsu billi l-ligi dan ma tipprospettahx.

**73.** Premess dan kollu, il-Qorti ma tistax tiskarta d-dettami esposti mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward ta' persuni kkundannati għal għomor il-ħabs. Fil-fatt anke l-legislatur haseb sabiex jigi in linea mal-pronunzjamenti li ghamlet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward, kif rifless fl-Abbozz ta' Ligi 199 tal-2017 li ghandu jintroduci l-artikolu 43A fil-Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta, liema abbozz ta' ligi, madanakollu, ghal xi raguni, waqaf fl-istadju tat-tieni qari, ghalkemm ghaddiet 'il fuq minn sena. Fil-fatt din il-Qorti kellha diga` okkazjoni ruhha tesprimi ruhha hekk :

> **"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm f'din is-sede mhijiex qiegħda tistħarreġ xi lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma tridx li tħalli li din is-sentenza jew dik li minnha sar appell jirfsu b'xi mod il-jeddijiet tal-appellant. Minħabba f'hekk, ma tħossx li tista' twarrab kunsiderazzjonijiet rilevanti li l-Qorti Kostituzzjonali ħadet dan l-aħħar f'każ li jirrigwarda wkoll ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fir-rigward ta' persuna li kienet ikkundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs minn din il-Qorti.**
>
> **F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li "l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna ikkundanata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna ikkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta' konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva tar-rilaxx,**

**is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista' titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni".**

**F'dan ir-rigward, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda timxi fuq il-pronunċjamenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minnha f'dawn l-aħħar snin fuq dan is-suġġett. Illi, wara li l-Qorti Kostituzzjonali stħarrġet l-effikaċja tal-prerogattiva (presidenzjali) tal-maħfra u s-sistema tal-'prison leave' kif jinsabu regolati llum il-ġurnata, waslet għall-fehma li dawn ma jagħtux lill-persuna ikkundannata għall-piena tal-għomor fil-ħabs il-garanziji li ma jġibux fis-seħħ ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Żiedet tgħid li "sabiex sentenza għall-għomor tkun komptibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx kif ukoll possibilita' ta' reviżjoni tas-sentenza" u sabet li sentenza bħal dik mingħajr ebda possibilita' ta' reviżjoni tal-qagħda tal-ikkundannat kienet tikser kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni."[34]**

**74**. Illi, kif ingħad qabel, fil-każ tal-lum, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għall-piena tal-għomor, u ma ressqet l-ebda rakkomandazzjoni taħt l-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba sa llum ma jidhirx li tfasslu kriterji fil-liġi biex jaħsbu għal sitwazzjoni bħal din fejn tidħol il-possibilita' ta' reviżjoni tal-piena li għaliha kien ikkundannat l-appellant, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tipprovdi sabiex jigi indirizzat tali nuqqas fil-liġi. Il-Qorti trid tqis illi l-hsieb tal-legislatur kif imfassal fl-artikolu il-gdid 43A ghal Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm ghadu ma jiffurmax parti mill-qafas legislattiv ta' l-pajjiz madanakollu qed jipprefiggi terminu ta' tletin sena prigunerija ghal biex l-ikkundannat ikun jista' jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf bl-imsemmi Att.

---

[34] Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri deciza 30/11/2017. Ara ukoll ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard deciza 27/03/2018; Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech deciza 31/10/2018

**75.** Illi allura din il-Qorti tordna li, mal-għeluq tal-perjodu ta' tletin sena (30) mid-data ta' din is-sentenza tal-lum, u sakemm ma jkunx hemm disposizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tal-appellant jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf bl-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi li jkollu s-setgħa u d-dmir li jwettaq dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, b'dan illi għall-finijiet tal-piena ta' għomor il-ħabs inflitta fuq l-appellant, huwa għandu jibbenefika mill-mekkaniżmu maħsub fil-liġi, jew, fin-nuqqas ta' dan, minn miżuri u kriterji stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Qorti Kostituzzjonali li jippermettu lill-appellant li jitlob ir-reviżjoni tal-piena jew it-tnaqqis tas-sentenza jekk kemm-il darba jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa biex dan isir u in linea ma' dak hawn fuq deciz**.